# TLISSIN BL-ILSNA BIBLIKU U L-ILSNA MODERNI!

- <u>1 Tessalonikin 5:21-22</u> – "[21]***Ippruvaw kollox****: żommu sħiħ dak li hu tajjeb.* [22]*Aħarbu minn kull għamla ta' deni.*"
- <u>1 Ġwanni 4:1</u> – "[1]*Maħbubin, la temmnux kull xorta ta' spirtu,* ***imma stħarrġuhom biex taraw ikunux ġejja minn Alla****: għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu barra fid-dinja.*"
- <u>1 Korintin 10:14</u> – "[15]*Lil nies għaqlin qiegħed inkellem;* ***iġġudikaw intom kull ma ngħid****.*"
- <u>Mattew 7:21-24</u> – "[21]*Mhux kull min igħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet.* [22]*Ħafna jgħiduli f'dak il-jum: Mulej, Mulej, ma ħabbarniex* ***f'ismek****? U* ***f'ismek*** *keċċejna d-demonji? U* ***f'ismek*** *għamilna ħafna għeġubijiet?* [23]*U mbagħad nistqarrilhom:* ***Jiena qatt ma kont nafkom****; tbiegħdu minni, intom li tagħmlu l-ħażen.*"
- <u>2 Korintin 11:13-15</u> – "[13]*Għax* ***nies bħal dawn*** *huma* ***appostli foloz****, ħaddiema qarrieqa, billi* ***jbiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu****.* [14]*Mhux għaġeb, għax* ***Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl****.* [15]*Mhix ħaġa kbira mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek bħallikieku kienu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda tmiemhom ikun skond l-opri tagħhom.*"
- <u>2 Tessalonikin 2:2-3a</u> – "[2]*Li ma titqanqlux malajr f'moħħkom, jew titħawdu,* ***la bl-ispirtu, la bil-kelma****, u* ***lanqas b'xi ittra, qishom ġejjin mingħandna*** *bħallikieku jum il-Mulej wasal.* [3]***Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod****:…*"
- <u>2 Tessalonikin 2:9-12</u> – "[9]*Il-ħażin għad jiġi fil-qawwa tax-xitan, u* ***jagħmel kull xorta ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz,*** [10]*U* ***jinqeda b'kull xorta*** *ta' qerq u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma laqgħux* ***il-verità*** *biex isalvaw ruħhom.* [11]*Għalhekk Alla qed jibagħtilhom kontrihom qawwa qarrieqa* ***biex jemmnu l-gideb,*** [12]*Ħalli b'hekk dawk kollha* ***li ma jemmnux il-verità, imma jogħġobhom il-ħażen****, ikunu ikkundannati.*"
- <u>Efesin 4:3-6</u> – "[3]***Titħabtu biex iżżommu l-għaqda ta' l-Ispirtu*** *bir-rabta tas-sliem.* [4]*Hemm* ***ġisem wieħed****, u* ***<u>Spirtu wieħed</u>****, bħal ma kontu msejħin f'****tama waħda*** *tas-sejħa tagħkom;* [5]***Mulej wieħed, fidi waħda, <u>magħmudija waħda</u>****,* [6]***Alla wieħed*** *u Missier kulħadd, li hu fuq kulħadd, u f'kulħadd, u ġo fikom ilkoll.*"

a. <u>1 Korintin 1:10-13</u> – "[10]*Issa nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu,* ***li lkoll titkellmu l-istess ħaġa, u li ma jkun hemm ebda firda bejnietkom; iżda li tkunu magħqudin għalenija, fehma waħda, u ħsieb wieħed.*** [11]*Għax għarrfuni fuqkom, ħuti, dawk tad-dar ta' Kloe, li hemm il-ġlied bejnietkom.* [12]*Issa dan ngħid, li kull wieħed minnkom igħid: Jien ta' Pawlu; u jien ta' Apollo; u jien ta' Kefa; u jien ta' Kristu.* [13]***Jaqaw Kristu mifrud?*** *Jaqaw Pawlu kien imsallab għalikom? Jew f'isem Pawlu kontu mgħammdin?*"

b. <u>Ġwanni 17 :17-23</u> – "[17]*Qaddishom* ***fil-verità*** *tiegħek****: il-kelma tiegħek hi l-verità****.* [18]*Kif int bgħattni fid-dinja, hekk jien bgħatthom fid-dinja.* [19]*U għalihom jien inqaddes lili nnfisi, biex huma wkoll* ***jitqaddsu fil-verità****.* [20]*Iżda mhux biss għalihom nitlob, iżda wkoll għal* ***dawk li jemmnu fija minħabba kelmithom;*** [21]***Biex ikunu lkoll ħaġa waħda; bħalma int, Missier, fija, u jiena fik, biex huma wkoll ikunu fina ħaġa waħda: biex id-dinja temmen illi int bgħattni****.* [22]*U l-glorja li tajtni tajthielhom;* ***biex ikunu ħaġa waħda, bħalma aħna wkoll ħaġa waħda****:* [23]*Jiena fihom, u inti fija; biex ikunu mitmumin* ***f'ħaġa waħda; u biex tagħraf id-dinja li inti bgħattni****, u ħabbejthom, bħal ma ħabbejt lili.*"

- Kattoliċi jitkellu bl-ilsna.
- Karismatiċi jitkellmu bl-ilsna.
- Pentekostali jitkellmu bl-ilsna.
- Battisti jitkellmu bl-ilsna.
- Mormoni jitkellmu bl-ilsna
- Xi wħud li mhumiex reliġjużi jitkellmu bl-ilsna.
- U ħafna denominazzjonijiet oħra jitkellmu bl-ilsna.
- Ħadd minn dawn ma jaqbel wieħed ma' l-ieħor.
- **Taħseb int lid-don ta' l-ilsna li dawn kollha jistqarru li għandhom huwa mill-Ispirtu s-Santu ukoll għalkemm huma ma jaqblux fit-tagħlim tagħhom?**
- **"[13]*Jaqaw Kristu mifrud?*" (1 Korintin 1:13.)**
- <u>1 Korintin 14:33</u> – "[33]*Għax* ***Alla mhux l-awtur tat-taħwid****, iżda tas-sliem, bħalma fil-knejjes kollha tal-qaddisin.*

**Tlissin bl-Ilsna tal-lum mhuwiex it-tlissin bl-ilsna tal-Bibbja.**

## QABBEL IL-ĠENWIN FIL-BIBBJA MAL-FALZ TAL-LUM!

1. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Kienu jitkellmu lingwa magħrufa**

  a. <u>Atti 2:6-8</u> – "[6]*Issa meta dan instama' barra, inġemgħet il-kotra tan-nies, u tħawdet, għax* ***kull wieħed kien jismagħhom jitkellmu bi lsienu stess****.* [7]*U kienu lkoll miblugħin u mistagħġbin, igħidu wieħed lil ieħor: Ara, mhumiex kollha Galilin dawn li qegħdin jitkellmu?* [8]*Mela kif* ***qegħdin nisimgħu, kull wieħed f'ilsienna stess, li fih twelidna****?*"

<u>Illum</u>

- **L-anqas saħansitra ma jistqarru li jużaw lingwi magħrufa.**

2. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Kienu jifhmuhom**

  a. <u>Atti 2:6</u> – "[6]*Issa meta dan instama' barra, inġemgħet il-kotra tan-nies, u tħawdet, għax* ***kull wieħed kien jismagħhom jitkellmu bi lsienu stess****.*"

  b. <u>1 Korintin 14:19</u> – "[18]*Niżżiħajr 'l Alla tiegħi,* ***li nitkellem b'ilsna aktar minnkom ilkoll****:* [19]*Imma fil-ġemgħa tal-knisja aktar* ***irrid ħames kelmiet b'moħħi li jinftiehmu biex ngħallem lill-oħrajn****, milli għaxart elef bl-ilsna.*"

<u>Illum</u>

- **Ma jistqarrux li jifhmuhom**

3. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Kienu edifikati**

  a. <u>1 Korintin 14:26</u> – "[26]*X'inhu mela, ħuti? Meta tiltaqgħu flimkien, kull wieħed għandu xi salm, xi tagħlim, xi lsien, xi rivelazzjoni, xi tifsir.* ***Ħa jsir kollox għal l-edifikazzjoni****.*"

<u>Illum</u>

- **L-ebda talba bħal din illum.**

4. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Ikkonfermaw il-Kelma.**

  a. <u>Atti 10:46</u> – "[46]*Għax* ***semgħuhom jitkellmu b'ilsna, u*** *jfaħħru 'l Alla. Imbagħad wieġeb Pietru:* [47]*Jista' wieħed*

*jiċħad l-ilma, biex ma jitgħammdux dawn, li qalgħu l-Ispirtu s-Santu bħalna wkoll? [48]U ordnalhom li jitgħammdu f'isem il-Mulej. Imbagħad talbuh jibqa' xi ftit jiem.*"

i. **Atti 11:13-14** – "*[13]U għarrafna kif kien ra f'daru anġlu li kien wieqaf igħidlu: Ibgħat irġiel Ġaffa, u sejjaħ 'il Xmun, li jgħidulu Pietru: [14]Li **jgħidlek kliem, li bih int u darek kollha tkunu salvati**.*"

b. Lhud 2:3-4 – "*[3]Kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din hi salvazzjoni li ngħatat **l-ewwel** bil-fomm tal-Mulej stess, **u mbagħad wassluha sħiħa** lilna dawk li semgħu. [4]Ma' tagħhom Alla **żied ix-xhieda tiegħu** b'sinjali u għeġubijiet u ħafna għemejjel setgħana, kif **ukoll bid-doni** ta' l-Ispirtu s-Santu mqassmin skond ir-rieda tiegħu stess.*"

Illum

- **Illum, huma ma jaċċettawx il-Kelma kkonfermata, iżidu magħha u jiċħduha.**

5. L-Ewwel Seklu

- **Kienu jitkellmu meta jmisshom.**

a. 1 Korintin 14:27 – "*[27]Jekk wieħed jitkellem b'ilsien, ħa jkunu tnejn, jew l-aktar tlieta, **wieħed wara l-ieħor**; u ħa jfisser wieħed.*"

Illum

- **Kulħadd jitkellem flimkien f'konfużjoni sħiħa.**

6. L-Ewwel Seklu

- **Ebda interpretu? – Silenzju**

a. 1 Korintin 14:28 – "*[28]Imma jekk ma jkunx hemm **min ifisser, ħa jżomm is-skiet fil-knisja**; u ħa jkellem lilu nnifsu. U lil Alla.*"

Illum

- **Ma jridux li jkunu interpretati llum.**

7. L-Ewwel Seklu

- **Kienu bħala sinjali għal dawk li ma jemmnux.**

a. <u>1 Korintin 14:22</u> – "[22]*Għalhekk **l-ilsna huma sinjal, mhux għal dawk li jemmnu, imma għal dawk li ma jemmnux'** iżda l-profezija mhix għal dawk li ma jemmnux, imma għal dawk li jemmnu.*"

**<u>Illum</u>**

- **Użati llum għal l-eċċitament**

8. **<u>L-Ewwel Seklu</u>**

- Kienu For use of edifying I Cor. 14:26

a. **<u>1 Korintin 14:26</u>** – "[26]*X'inhu mela, ħuti? Meta tiltaqgħu flimkien, kull wieħed għandu xi salm, xi tagħlim, xi lsien, xi rivelazzjoni, xi tifsir. **Ħa jsir kollox għal l-edifikazzjoni**.*"

**<u>Illum</u>**

- **Wirja, għall-pjaċir (eżempju, Benny Hinn fuq it-TV. eċċ.).**

9. **<u>L-Ewwel Seklu</u>**

- Spirtu suġġett għall-kelliemi.

a. **<u>1 Korintin 14:26-31</u>** – "[26]*X'inhu mela, ħuti? Meta tiltaqgħu flimkien, kull wieħed għandu xi salm, xi tagħlim, xi lsien, xi rivelazzjoni, xi tifsir. Ħa jsir kollox għal l-edifikazzjoni.*
[27]*Jekk wieħed jitkellem b'ilsien, ħa jkunu tnejn, jew l-aktar tlieta, wieħed wara l-ieħor; u ħa jfisser wieħed.* [28]*Imma jekk ma jkunx hemm min ifisser, ħa jżomm is-skiet fil-knisja; u ħa jkellem lilu nnifsu. U lil Alla.* [29]*Ħa jitkellmu l-profeti, tnejn jew tlieta, u ħa jagħmlu ħaqq l-oħrajn.* [30]*Jekk xi ħaġa tkun irrivelata lill-ieħor li jkun bil-qiegħda hemm, ħa jiskot l-ewwel wieħed.* [31]*Għax ilkoll tistgħu tipprofetizzaw wieħed wara l-ieħor, biex kulħadd jitgħallem, u kulħadd jitħeġġeġ.*

**<u>Illum</u>**

- **Illum – "Twaqqfunix, Qiegħed nirċievi <u>rivelazzjoni</u>."**

a. <u>2 Tessalonikin 2:2-3a</u> – "[2]*Li ma titqanqlux malajr f'moħħkom, jew titħawdu, **<u>la bl-ispirtu</u>, <u>la bil-kelma</u>,** u **<u>lanqas b'xi ittra</u>, qishom ġejjin mingħandna** bħallikieku jum il-Mulej wasal.* [3]***Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod**:…*"

b. **<u>Ġwanni 20:30-31</u>** – "[30]*Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li ma humiex imniżżla*

*f'dan il-ktieb. 31**Iżda dawn inkitbu** sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu.*"

ċ **Ġuda 3** – "*3Maħbubin, meta kelli ħerqa kbira li niktbilkom fuq is-salvazzjoni komuni tagħna, kien meħtieġ li niktbilkom, u nitlobkom li tissieltu bil-ħeġġa għall-**fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin**.*"

d. **1 Korintin 4:6** – "*6U dawn il-ħwejjeġ, ħuti, jien qiegħed ngħidhom f'tixbiha għalija u għal Apollos minħabba fikom; biex minna intom titgħallmu x'jiġifieri: '**Mhux iktar milli hemm miktub,** biex ħadd minnkom ma jitkabbar għal wieħed kontra l-ieħor.*"

## 10. L-Ewwel Seklu

- **Tkellmu biex tipprofitta l-knisja**

a. **I Korintin 14:6** – "*6Issa jekk jien, ħuti, niġi għandkom nitkellem bl-ilsna, **x'niswielkom** jekk jien ma nkellimkomx jew **bir-rivelazzjoni**, jew **bil-għerf**, jew **bil-profezija**, jew **bit-tagħlim**?*"

b. **1 Korintin 13:10** – "*8L-imħabba ma tintemm qatt. **Igħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, igħib il-għerf**. Għalissa nafu biċċa. U l-profezija tagħna hi nieqsa; imma **meta jfeġġ dak li hu perfett, igħib dak li hu nieqes**. 9Għax aħna ma nafux kollox: ma nipprofetizzawx kollox. 10Iżda meta jiġi dak li hu perfett, imbagħad dak li hu nieqes igħib. 11Meta kont tarbija, kont nitkellem bħal tarbija, nifhem bħal tarbija, naħseb bħal tarbija: iżda meta sirt raġel, neħħejt dak li kien ta' tarbija. 12Għax issa nara f'mera, mhux ċar; iżda mbagħad wiċċ imb'wiċċ: issa nagħraf biċċa; iżda mbagħad nagħraf sewwa bħalma jien ukoll magħruf. 13Imma issa baqa' dawn it-tlieta: il-fidi, it-tama u l-imħabba; iżda l-akbar fosthom hi l-imħabba.*"

c. **Ġakbu 1:25** – "*25Imma dak li jħares bir-reqqa ġol-**liġi perfetta** tal-ħelsien, u jkompli jħares ġo fiha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; imbierek dan fil-għemil tiegħu.*"

**Illum**

- **Ebda profitt illum.**

11. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Kienu jitolbu għal interpretazzjoni.**
  a. **<u>1 Korintin 14:13</u>** – "*[13]Għalhekk min jitkellem f'ilsien,* ***ħa jitlob biex ifisser****.*"
  b. Xi verżjonijiet iżidu l-kliem "mhux magħruf" f'dan il-vers **li mhuwiex** fl-oriġinal. Dan hu ta' diżgwid.

<u>Illum</u>

- **Jitolbu biex jitkellmu bl-ilsna**

12. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Kienu jitkellmu biex jagħtu struzzjonijiet.**
  a. **<u>1 Korintin 14:13-14</u>** – "*[13]Għalhekk min jitkellem f'ilsien,* ***ħa jitlob biex ifisser****. [14]Għax jekk jien nitlob b'ilsien mhux magħruf, l-ispirtu tiegħi jitlob, imma* ***moħħi ma jieħu l-ebda frott****.*

<u>Illum</u>

- **Jiċċelebraw fil-konfużjoni – ebda struzzjoni**

13. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Emmnu l-Evanġelju.**
  a. **<u>Mark 16:16</u>** – "*[16]Min jemmen u jitgħammed, ikun salvat; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

<u>Illum</u>

- **Jiċħdu l-Evanġelju għaliex jiksbu rivelazzjoni ġdida.**

14. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Tkellmu biex jibbenefikaw is-semmiegħa.**
  a. **<u>1 Korintin 14:9</u>** – "*[9]Hekk ukoll intom, jekk b'ilsienkom ma tgħidux* ***kliem ċar biex jiftiehem****, kif jingħaraf dak li jingħad?* ***għax tkunu titkellmu fl-arja****.*"

<u>Illum</u>

- **Mhux hekk illum. Jibbenefika l-glorja l-kelliemi.**

15. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Kienu jinterpretaw biex dawk mhux mgħallma jifhmu.**
  a. <u>1 Korintin 14:16</u> – "*[16]Għax meta tbierek bl-ispirtu, kif jista'*

*dak li m'għandux dawn id-doni spiritwali jgħid Amen għal radd il-ħajr tiegħek,* ***la ma jafx x'inti tgħid****?*"

<u>Illum</u>

- **L-interpretazzjoni mhix issir.**

16. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- Ebda akkuża ta' ġenn.
    a. <u>1 Korintin 14:23</u> – "[23]*Jekk mela l-knisja kollha tinġema' flimkien f'post wieħed, u kollha jitkellmu bl-ilsna, u jidħlu dawk li m'għandhomx doni spiritwali, jew li ma jemmnux,* ***ma jgħidux li intom imġienen****?*"

<u>Illum</u>

- **Illum konfużjoni bla rażan.**

17. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Ebda konfużjoni ma kienet imħollija.**
    a. <u>1 Korintin 14:33</u> – "[33]*Għax Alla mhux l-awtur tat-taħwid, iżda tas-sliem, bħalma fil-knejjes kollha tal-qaddisin.*"

<u>Illum</u>

- **Illum taħwid fejn hadd ma jifhem xejn, lanqas saħansitra dak stess li jitkellem bl-ilsna ma jkun jaf x'inhu qiegħed igħid.**

18. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **In-nisa kienu jżommu s-skiet.**
    a. <u>1 Korintin 14:34</u> – "[34]***Ħa jżommu s-skiet in-nisa tagħkom fil-knejjes; għax m'għandhomx jitkellmu;*** *iżda għandhom jobdu, kif tgħid il-liġi.*"

<u>Illum</u>

- **Illum kulħadd jitkellem. Dwar id-doni, in-nisa ma kellhomx l-abbiltajiet. Ma kienx ir-rwol tagħhom.**

19. <u>L-Ewwel Seklu</u>

- **Magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu tinstema'. Ebda żball f'li tkun taf li l-Ispirtu s-Santu ġie fuqhom.**

a. <u>Atti 2:2</u> – “[2]*U f’daqqa waħda ġie mis-sema* ***ħoss*** *bħal ta’ riħ qawwi, u mela d-dar kollha ta’ fejn kienu qegħdin.*”

**<u>Illum</u>**

- **Ħadd ma jgħid hekk illum.**

20. **<u>L-Ewwel Seklu</u>**

- **Il-magħmudija ta’ l-Ispirtu s-Santu kienet viżibbli. Ebda żball f’li rawha.**

  a. <u>Atti 2:3</u> – “[3]*U hemm* ***dehrulhom*** *ilsna mifruqin qishom tan-nar, li qagħdu fuq kull wieħed minnhom.*”

**<u>Illum</u>**

- **Ħadd ma jgħid hekk illum.**

21. **<u>L-Ewwel Seklu</u>**

- **Magħmudija ta’ l-Ispirtu s-Santu nstemgħet. Ebda żball f’li semgħu.**

  a. <u>Atti 2:4</u> – “[4]*U mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu, u bdew jitkellmu b’ilsna oħra, kif l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.*”

**<u>Illum</u>**

- **Mhux hekk illum**.

## *IL-MAGĦMUDIJIET TAL-BIBBJA (8)*

Wieħed għandu jżomm f’moħħu li l-Ispirtu s-Santu ta’ *lill-appostli biss is-setgħa li jgħaddu d-don ta’ l-ilsna permezz tat-tqegħid ta’ jdejhom* fuq oħrajn permezz *tal-magħmudija* ta’ l-Ispirtu s-Santu. (Ara minn paġna 22 sa 26). Il-magħudija ta’ l-Ispirtu s-Santu l-iskop tagħha twettaq u għalhekk illum m’għadx baqa’ skop għaliha għaliex dik kienet wegħda li twettqet. Imma aħna naqraw fit-Testment il-Ġdid dwar tmien magħmudijiet, iżda f’Efesin 4:5 l-appostlu ispirat igħidilna li hemm biss magħmudija ***waħda***. Ħalli naraw x’tgħid il-Kelma ta’ Alla dwar dawn il-magħmudijiet u dwar liema hija dik il-magħmudija waħda.

1. **Il-Magħmudija ta’ Ġwanni** – **Indiema**

   a. <u>**Mark 1:4**</u> – “[4]*Ġwanni kien igħammed fix-xagħri, u kien ixandar* ***il-magħmudija ta’ l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet***.”

2. **Il-Magħmudija ta' Ġesù – Jibda l-ministeru ta' Profeta u s-Saċerdozju.**
    a. Mattew 3:13-17 – "[13]*Imbagħad ġie **Ġesù** mill-Galilija għall-Ġurdan għand Ġwanni, **biex jitgħammed** minnu. [14]Iżda Ġwanni ma ħalliehx, billi qal: Imissni nitgħammed minnek jien; u tiġi għandi int? [15]U wieġeb Ġesù, qallu: Ħa jkun hekk issa: għax hekk xieraq għalina, **biex inwettqu kull ħaqq**. Imbagħad ħallieh. [16]U **malli tgħammed, Ġesù minnufih ħareġ mill-ilma**: u, ara, is-smewwiet infetħu, u ra l-Ispirtu t'Alla nieżel bħal ħamiema, u ġej fuqu: [17]U, ara, leħen mis-smewwiet igħid: Dan hu Ibni l-maħbub, li bih nitgħaxxaq.*"
    b. Luke 3:21 – "[21]*Issa meta l-poplu kollu tgħammed, ġara illi **Ġesù tgħammed ukoll**, u hu u jitlob, infetaħ is-sema.*"
3. **Il-Magħmudija tan-nar – Ġudizzju.**
    a. Mattew 3:11 – "[11]*Jien tassew ngħammidkom bl-ilma għall-indiema: iżda dak li jiġi warajja hu aqwa minni, u jien ma jistħoqqlix narfa' l-qorq tiegħu: hu **jgħammidkom** bl-Ispirtu s-Santu, u **bin-nar**.*"
4. **Il-Magħmudija ta' Mosè – Ħelisen ta' Iżrael nazzjonali.**
    a. 1 Korintin 10:2 – "[1]*Barra minn dan, ħuti, ma rridkomx li ma tkunux tafu, kif missirijietna lkoll kienu taħt is-sħaba, u lkoll qasmu l-baħar; [2]U lkoll kienu **mgħammda f'Mosè** fis-sħaba, u fil-baħar.*"
5. **Il-Magħmudija tal-Mejtin – Mejtin spiritwalment.**
    a. 1 Korintin 15:28-29 – "[28]*U meta kollox ikun imqiegħed taħtu, imbagħad l-Iben innifsu wkoll ikun imqiegħed taħt dak li qegħidlu kollox taħtu, sabiex Alla jkun kollox f'kulħadd. [29]Kieku ma kienx hekk, x'jagħmlu dawk li huma **mgħammdin għall-mejtin**, jekk tassew il-mejtin ma jqumux? Għalfejn mela huma **mgħammdin għall-mejtin**?*"
6. **Il-Magħmudija tas-Salib (jew Kalċi) – It-tbatija tal-mewt għal dnubietna.**
    a. Mattew 20:23 – "[23]*Qalilhom: Tassew **tixorbu mill-kalċi tiegħi, u titgħammdu bil-magħmudija li tgħammidt jien**: iżda li toqgħodu fuq il-lemin tiegħi, u fuq ix-xellug, mhux minni li jingħata, iżda jingħata lil dawk li għalihom hu mħejji minn Missieri.*"
7. **Il-Magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu – wegħda**

a. <u>Acts 1:4-5</u> – "*[4]U hu u qiegħed flimkien magħhom, ordnalhom biex ma jitilqux minn Ġerusalemm, iżda jistennew* ***il-wegħda tal-Missier****, li, qal hu, smajtu minn għandi. [5]Għax tassew li Ġwanni għammed bl-ilma; imma intom* ***titgħammdu bl-Ispirtu s-Santu*** *minn hawn u ftit jiem oħra.*"

b. <u>Atti 10:44-45</u> – "*[44]Kif Pietru kien għadu jitkellem dal-kliem,* ***waqa' l-Ispirtu s-Santu*** *fuq dawk kollha li kienu jisimgħu l-kelma. [45]U dawk taċ-ċirkonċiżjoni li kienu jemmnu, u dawk kollha li ġew ma' Pietru, stagħġbu li fuq il-Ġentili wkoll xterdet* ***l-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu****.*"

ċ. <u>Atti 10:34-35</u> – "*[34]Pietru qabad jitkellem u qal:* ***Issa tassew qiegħed nifhem li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd, [35]Imma jilqa' lil kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun minn liema poplu jkun****.*"

8. **Il-Magħmudija ta' l-dawk li jemmnu – Difna u qawmien ma' Kristu permezz tal-magħmudija ta' l-ilma.**

a. <u>Matthew 28:19</u> – "*[19]Morru mela, u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u* ***għammduhom fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu****.*"

b. <u>Mark 16:15-16</u> – "*[15]U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. [16]Min jemmen* ***u jitgħammed****, ikun salvat; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

c. <u>Rumani 6:3-5</u> – "*[3]Ma tafux, li ħafna minna li konna* ***mgħammdin f'Ġesù Kristu, konna mgħammdin fil-mewt tiegħu? [4]Għalhekk aħna midfunin miegħu bil-magħmudija fil-mewt; biex bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier, hekk ukoll aħna nimxu fit-tiġdid tal-ħajja. [5]Għax jekk sirna ħaġa waħda miegħu fix-xebħ tal-mewt tiegħu, hekk ukoll inkunu fix-xebħ tal-qawmien tiegħu****.*"

d. <u>Kolossin 2:12</u> – "***[12]Midfunin miegħu fil-magħmudija, li fiha intom ukoll qomtu miegħu*** *permezz tal-fidi fil-qawwa ta' Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet.*"

9. **Magħmudija l-waħda – Għall-maħfra tad-dnubiet.**

a. <u>Efesin 4:5</u> – "*[5]Mulej wieħed, fidi waħda,* ***magħmudija waħda****.*"

b. <u>Atti 2:38</u> – "*[37]Issa meta semgħu dan, tniggżu f'qalbhom, u qalu 'l Pietru, u lill-bqija ta' l-appostli: Irġiel u aħwa, x'għandna nagħmlu? [38]U Pietru weġibhom:* ***Indmu, u jitgħammed kull***

***wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom****; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."*

c. **Atti 22:16** – "[16]*U issa x'inti qiegħed tistenna? Qum,* ***u tgħammed, u aħsel dnubietek****, billi ssejjaħ isem il-Mulej."*

d. **Atti 8:35-39** – "[35]*U mbagħad Filippu fetaħ fommu u beda minn din is-silta ta' l-Iskrittura jxandarlu l-Evanġelju ta' Ġesù.* [36]*U huma u sejrin fit-triq, ġew fejn kien hemm l-ilma: u qal l-ewnuku: Ara, hawn l-ilma; x'inhu li jżommni li ma* ***nitgħammidx****?* [37]*U Filippu qal: Jekk temmen b'qalbek kollha, tista'. U wieġeb, u qal: Nemmen li Ġesù Kristu hu Bin Alla.* [38]*U waqqaf il-karru: u* ***niżlu t-tnejn fl-ilma****, sew Filippu u kemm l-ewnuku;* ***u għammdu****.* [39]*U* ***meta telgħu mill-ilma****, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu, hekk li l-ewnuku ma rahx aktar: u baqa' sejjer* ***ferħan*** *għal triqtu."*

e. **1 Pietru 3:21** – "[20]*Lil dawk li darba ma obdewx, meta s-sabar ta' Alla kien jistenna fi żmien Noè, waqt li l-arka kienet qiegħda tinbena, li fiha ftit, jiġifieri tmien erwieħ, salvaw bl-ilma.* [21]*Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa min kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu."*

## Qabbel il-Verità mal-Falz:

### 1. Xmun il-Falz vs Appostli l-Verità:

a. **Acts 8:5-24** – "[5]*Imbagħad Filippu niżel fil-belt tas-Samarija, u xandrilhom 'il Kristu.* [6]*U l-poplu b'fehma waħda ta widen għal dak li* ***Filippu*** *kien igħid, billi kien jisma' u jara* ***l-mirakli li kien jagħmel****.* [7]*Għax* ***spirti mniġġsa, igħajtu b'leħen qawwi, kienu joħorġu minn ħafna li kienu fihom: u ħafna li kienu pparalizzati, u żopop, kienu mfejqa****.* [8]*U kien hemm ferħ kbir f'dik il-belt.* [9]*Imma kien hemm raġel, jismu Xmun, li żmien qabel fl-istess belt kien jagħmel is-sħarijiet, u jsaħħar in-nies tas-Samarija, billi kien igħid li kien xi ħaġa kbira:* [10]*Lil dan, mill-iżgħar sa l-akbar, kollha kienu jagħtuh widen, billi jgħidu: Dan ir-raġel hu l-qawwa l-kbira ta' Alla.* [11]*U kienu jisimgħu minnu, għax għal żmien twil kien għaġġibhom bis-sħarijiet.* [12]*Iżda meta emmnu f'Filippu, li kien ixandrilhom ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-saltna ta' Alla, u l-isem ta' Ġesù Kristu, tgħammdu, sew l-irġiel u kemm in-nisa.* [13]*Imbagħad Xmun stess emmen ukoll: u wara li tgħammed, baqa' ma' Filippu,* ***u stagħġeb, billi***

*ra **l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru**. [14]Issa meta **l-appostli** li kienu Ġerusalemm semgħu li Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla, bagħtulhom lil **Pietru u 'l Ġwanni**: [15]Li, meta niżlu, talbu għalihom, biex jieħdu l-Ispirtu s-Santu: [16]Għax kien għadu ma niżel fuq ebda wieħed minnhom: imma biss kienu mgħammdin fl-isem tal-Mulej Ġesù. [17]Imbagħad **qiegħdu idejhom fuqhom, u ħadu l-Ispirtu s-Santu**. [18]U meta Xmun ra **<u>li l-Ispirtu s-Santu kien jingħata bit-tqegħid ta' idejn l-appostli</u>**, offrielhom il-flus, [19]Billi qal: Agħtuni wkoll din is-setgħa, li fuq kull min **inqiegħed idejja, jieħu l-Ispirtu s-Santu**. [20]Iżda Pietru qallu: Ħa jintilfu flusek miegħek, għax ħsibt li l-għotja ta' Alla tista' tinxtara bil-flus. [21]**Int la għandek sehem u lanqas qsim f'dil-ħaġa**: għax qalbek mhix sewwa quddiem Alla. [22]Indem mela minn dal-ħażen tiegħek, u itlob lil Alla, biex forsi l-ħsieb ta' qalbek jinħafirlek. [23]Għax jien nara li int qiegħed fl-imrar tal-morr, u fl-irbit tal-ħażen. [24]Imbagħad wieġeb Xmun, u qal: Itolbu intom għalija lill-Mulej, biex ma jiġrili xejn illi għidtu."*

## L-ISKOP TAD-DONI

1. **Bibbja** – Biex jikkonfermaw il-Kelma ta' Alla
   - **Pentekostali moderni** – Il-Kelma tikkonferma d-doni
2. **Bibbja** – Iġibu l-għaqda tal-fidi
   - **Pentekostali moderni** – Ħafna knejjes differenti jistqarru li għandhom id-Doni – Dan Jikkonferma Tagħlim Falz

## MIRAKLI

1. **Bibbja – Jiddependu fuq il-fidi <u>ta' min Ifejjaq</u>.**
   a. **<u>Atti 3:6-8</u>** – "*[1]Issa Pietru u Ġwanni telgħu flimkien fit-tempju waqt is-siegħa tat-talb, billi kienu d-disgħa. [2]U kienu qegħdin iġorru wieħed raġel zopp minn ġuf ommu, li kienu jqiegħdu kuljum ħdejn il-bieb tat-tempju, li jgħidulu s-Sabiħ, **biex jitlob il-karità** lil dawk li kienu jidħlu fit-tempju. [3]Dan, malli ra lil Pietru u lil Ġwanni sa jidħu fit-tempju, **talbhom il-karità**. [4]U Pietru ma' Ġwanni, iffissa għajnejh fuqu, u qal: Ħares lejna. [5]U dak qagħad iħares lejhom, **jistenna li jaqla' xi ħaġa minn għandhom**. [6]Imbagħad Pietru qal: **Fidda u deheb m'għandix**: iżda dak li għandi nagħtihulek: F'isem Ġesù Kristu ta' Nażaret qum u imxi. [7]U qabdu minn idu l-leminija, u qajmu: u minnufih*

*riġlejh u l-għadam ta' l-għekiesi ssaħħu. [8]U dak filli qabeż u waqaf, u mexa, u daħal magħhom fit-tempju, jimxi, u jaqbeż, u jfaħħar lil Alla."*

**Pentekostali moderni –Jiddependu fuq il-fidi *tal-persuna mfejqa*. Jekk mhux imfejjaq – "Mhemmx fidi"**

2. **Bibbja – Tassew sopranaturali.**

   a. Atti 3:7 – "*[7]U qabdu minn idu l-leminija, u qajmu: u minnufih riġlejh u l-għadam ta' l-għekiesi ssaħħu.*"

   - **Pentekostali moderni – Spjega xjentifika**

3. **Bibbja – Fejqan kien f'dak il-mument**

   a. Luqa 13:10-13 – "*[10]U kien qiegħed jgħallem f'waħda mis-sinagogi nhar ta' Sibt. [11]U, ara, kien hemm mara li kellha spirtu ta' marda minn tmintax-il sena; u kienet milwija għalkollox, u ma kenitx tista' tarfa lilha nfisha b'xejn. [12]U xħin raha Ġesù, sejħilha ħdejh, u qalilha: Mara, int meħlusa mill-marda tiegħek. [13]U medd idejh fuqha: u hi **minnufih iddrittat**, u igglorifikat lil Alla.*"

   b. Atti 3:8 – "*[8]U dak **filli qabeż u waqaf, u mexa**, u daħal magħhom fit-tempju, **jimxi, u jaqbeż**, u jfaħħar lil Alla.*"

   - **Pentekostali moderni – Fejqan normalment jieħu xhur.**

4. **Bibbja – Fejqan totali.**

   a. Atti 3:8 – "*[8]U dak **filli qabeż u waqaf, u mexa**, u daħal magħhom fit-tempju, **jimxi, u jaqbeż**, u jfaħħar lil Alla.*"

   - **Pentekostali moderni – Titjib parzjali, tnaqqis ta' l-uġih, waqfien għal ftit tal-ħin.**

5. **Bibbja – Persuna mfejqa magħrufa minn kulħadd.**

   a. Atti 3:10 – "*[10]U **għarfu** li kien dak li kien joqgħod bil-qiegħda ħdejn il-bieb is-Sabiħ tat-tempju jitlob il-karità: u mtlew bil-għaġeb, u nbelgħu b'dak li kien ġralu.*"

   - **Pentekostali moderni – Persuna spiss mhux magħrufa.**

6. **Bibbja – Miraklu magħruf b'miraklu (Ovvju)**

   - **Pentekostali moderni – Mirkalu magħruf permezz ta' testimonjanza Personali**

7. **Bibbja – Ukoll l-Għedewwa Aċċettaw.**

a. <u>Atti 4:14-16</u> – “[14]*U billi raw ir-raġel imfejjaq qiegħed magħhom, ma setgħu jgħidu xejn kontra. [15]Iżda wara li ġagħluhom joħorġu mill-kunsill, tkellmu bejniethom, [16]Billi* ***qalu****: X’nagħmlu b’dawn l-irġiel? Għax li* ***tassew miraklu magħruf sar bihom*** *jidher lil dawk kollha li jgħammru f’Ġerusalemm;* ***u ma nistgħux niċħduh****.*”

- **Pentekostali moderni – Dubjuż ħafna, dejjem fuq ġewwa u ma jidhirx.**

## ILSNA

1. **Bibbja – Lingwa reali umana**

a. <u>Atti 2:6-11</u> – “[6]*Issa meta dan instama’ barra, inġemgħet il-kotra tan-nies, u tħawdet, għax* ***kull wieħed kien jismagħhom jitkellmu bi lsienu stess****. [7]U kienu lkoll miblugħin u mistagħġbin, igħidu wieħed lil ieħor: Ara, mhumiex kollha Galilin dawn li qegħdin jitkellmu? [8]* ***Mela kif qegħdin nisimgħu, kull wieħed f’ilsienna stess, li fih twelidna****? [9]Parti, u Medi, u Elamiti, u dawk li jgħammru fil-Mesapotamja, fil-Lhudija, u l-Kappadoċja, fil-Pontus u fl-Asja. [10]Fil-Friġja, u l-Pamflija, fl-Eġittu, u fl-inħawi tal-Libja madwar Ċirene, u stranġieri minn Ruma, Lhud proseliti, [11]Kretin u Għarab, nisimgħuhom jitkellmu bl-ilsna tagħna l-għemejjel tal-għaġeb ta’ Alla.*”

- **Pentekostali moderni – Taħwid totali u bla sens.**

2. **Bibbja – Massimu ta’ tlieta fil-knisja.**

a. <u>1 Korintin 14:27</u> – “[27]*Jekk wieħed jitkellem b’ilsien, ħa jkunu tnejn, jew* ***l-aktar tlieta****, wieħed wara l-ieħor; u ħa jfisser wieħed.*”

- **Pentekostali moderni – Aktar minn tlieta jitkellmu, viżitaturi jħarsu lejh bħala ġenn.**

a. <u>1 Korintin 14:23</u> – “[23]*Jekk mela l-knisja kollha tinġema’ flimkien f’post wieħed, u kollha jitkellmu bl-ilsna, u jidħlu dawk li m’għandhomx doni spiritwali, jew li ma jemmnux,* ***ma jgħidux li intom imġienen****?*”

3. **Bibbja – Kull wieħed għandujitkellem meta jmissu.**

a. <u>1 Korintin 14:27</u> – “[27]*Jekk wieħed jitkellem b’ilsien, ħa jkunu tnejn, jew l-aktar tlieta,* ***wieħed wara l-ieħor****; u ħa jfisser wieħed.*”

- **Pentekostali moderni – Ħafna jitkellmu fl-istess ħin.**

4. **Bibbja – Jekk ma hemmx interpretu, ibqa' sieket.**
   a. **1 Korintin 14:28** – "[28]*Imma* ***jekk ma jkunx hemm min ifisser, ħa jżomm is-skiet*** *fil-knisja; u ħa jkellem lilu nnifsu. U lil Alla*"
   - **Pentekostali moderni – Rari jkun hemm xi "Interpretu."**
5. **Bibbja – Interpretazzjoni waħda biss hija possibbli.**
   - **Pentekostali moderni – Spiss l-interpretazzjonijiet ma jaqblux.**
6. **Bibbja – Enfasi fuq Wirja Pubblika.**
   - **Pentekostali moderni – Enfsasi fuq devozzjoni privata.**
7. **Bibbja – Ikkunsidrata bħala don ta' inqas importanza.**
   a. **1 Korintin 14:5** – "[5]*Nixtieqkom li lkoll titkellmu bl-ilsna, imma l-aktar li tipprofetizzaw: għax* ***akbar*** *hu dak li* ***jipprofetizza minn dak li jitkellem bl-ilsna****.*"
   - **Pentekostali moderni – Enfasizzata bħala sinjal ta' spiritwalità.**
8. **Bibbja – Sinjal għal dawk li ma jemmnux.**
   a. **1 Korintin 14:22** – "[22]*Għalhekk l-ilsna* ***huma sinjal, mhux għal dawk li jemmnu, imma għal dawk li ma jemmnux'*** *iżda l-profezija mhix għal dawk li ma jemmnux, imma għal dawk li jemmnu.*"
   - **Pentekostali moderni – Sinjal għal dawk li jemmnu.**

## KLIEM BL-ILSNA TAŻ-ŻMIEN MODERN MHUWIEX MINN ALLA!

Kmieni fis-snin 1960 neo-Pentekostaliżmu beda f'Nus, f'Kalifornja, fl-Amerika, u nfirex malajr matul l-organizzazzjonijiet reliġjużi li kienu jeżistu. Dan sar popolari ħafna, ukoll fil-Kattoliċiżmu Ruman, u fired nurmu ta' knejjes Protestanti.

Il-fatt li esperjenza li jitkellmu fl-ilsna tinsab tinsab f'reliġjonijiet foloz u kontradittorji tindika lis-sors tagħha mhuwiex minn Alla imma huwa esperjenza umana konfuża għal intervent divin.

Il-fatt li l-istess esperjenza hija magħrufa fir-reliġjonijiet kollha, antiki u moderni, Kristjani u pagani, u xi drabi barra għalkollox mill-esperjenza reliġjuża għandu jindika lis-sors tagħha mhuwiex minn Alla. Il-fatt li wieħee djista' jitgħallimha din għandujindika li mhijiex miraklu.

Id-don ta' l-ilsna tat-Testment il-Ġdid huwa miraklu u jikkonsisti minn li wieħed jitkellem b'lingwi umani li l-kelliemi, ma kienx jafhom jew tgħallimhom permezz ta' mezzi naturali.

Kliem bl-ilsna modern m'għandux ikun konfuż mad-don ta' l-ilsna tat-Testment il-Ġdid.

- Wieħed huwa fenomenu umana; l-ieħor huwa miraklu divin.
- Wieħed huwa komuni għar-reliġjonijiet kollha, antiki u moderni; l-ieħor huwa uniku għall-knisja ta' l-ewwel seklu.
- Wieħed huwa irrazzjonali, tlissin estatiku (fi stat ta' estasi); l-ieħor huwa lingwa umana.
- Wieħed jista' jiġi imitat u mgħallem, l-ieħor huwa miraklu minn Alla.

Ma hemm xejn ħażin mal-fenomenu li teżerċità tlissin estatiku, imma huwa żball meta dan ikun konfuż mad-don ta' l-ilsna tat-Testment il-Ġdid. Għalkemm tlissin estatiku jista' jtaffi t-tensjoni għal xi wħud, imma meta dan ikun mibdul għal espressjoni razzjonali, reliġjuża, dan ikun delużjoni, qerq.

L-appostlu Pawlu bla ebda dubju li kien qiegħed jitkellem dwar fenomenu bħal dan bħala kliem bl-ilsna kontemporanju meta hu kiteb fl-1 Korintin 12:2, dwar pagani, "[2]*Intom tafu li meta kontu Ġentili, kontu tkunu meħudin quddiem dawn l-idoli bla kliem, bħal ma kienu jridukom.*" Bla dubju Ġwanni kien qiegħed jitkellem dwar mirkali foloz meta hu kiteb fl-1 Ġwanni 4:1, "[1]*Maħbubin, la temmnux kull xorta ta' spirtu, imma stħarr-ġuhom biex taraw ikunux ġejja minn Alla: għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu barra fid-dinja.*"

Skop wieħed maġġur għal ilsna kien biex ***iservu bħala sinjal għal-Lhud li ma kinux jemmnu*** – problema li kienet eliminata mal-qirda tat-Tempju u r-reliġjon Lhudija fis-sena 70 W.K. minn Ruma:

**<u>1 Korintin 14:21-22</u>** – "[20]*Ħuti, tkunux tfal f'moħħkom: għalkemm fil-ħażen kunu trabi, iżda f'moħħkom kunu rġiel.* [21]*Fil-liġi hu miktub: Nitkellem ma' dal-poplu* ***b'nies ta' ilsna oħra****, u b'xofftejn oħra; u madankollu ma jisimgħunix, igħid il-Mulej.*" (kienet xhieda kontra dawk lil kienu rriġettaw lil Kristu Ġesù.)

**Kliem bl-ilsna llum mhuwiex minn Alla, huwa mill-bniedem.**

# DAK LI HU PERFETT

## IL-BIBBJA HIJA PERFETTA
## BĦALA L-KELMA ISPIRATA TA' ALLA

Santu Wistin darba qal: "*Kull min jixtieq li jagħti tifsira ta' l-Iskrittura mingħajr ma jeħodha mill-Iskrittura huwa l-għadu ta' l-Iskrittura.*"

Imma dan kien diġà ntqal minn Pietru b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu fejn qal:

> "*Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija ma għandu ħadd ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.*" (1 Pietru 1:20-21).

1. Kull min jemmen jaf li l-Bibbja tgħid li ma jistgħu jsiru **ebda** xbihat ta' **ebda** sura, ukoll ta' dawk li qegħdin fis-sema? (ara Eż. 20:4-5; Dt. 5:8-9; Atti 17:1-31; eċċ.).
2. Kull min jemmen jaf li l-Bibbja tgħid li l-qima lil Alla biss għandek tagħtiha? (Ara Mattew 4:10; Atti 10:25-26; Apok. 19:10; 22:8-9).
3. Kull min jemmen jaf li minħabba x-xbihat lil Alla qegħdin **jagħmluh gidba**? (ara Rumani 1:18-25).
    a. "*Billi lil Alla l-Missier għamluh **f'sura ta' bniedem li jintemm** u b'hekk lil dak Alla li ma jintemmx huma għamluh gidba, billi biddluh ma "sura u xbieha tal-bniedem li jintemm*" (Rumani 1:23)!
4. Kull min jemmen jaf lix-xitan, Satana jitbiddel f'anġlu tad-dawl? (ara 2 Korintin 11:14-15).
    a. Nistaqsi jien, kieku kellu jidher xi anġlu jiena ċert li l-poplu kollu ta' Malta jemmen li kien anġlu mibgħut minn Alla!
    b. Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid bla ebda tlaqliq ngħidu li hu Satana għaliex hekk jgħid Alla fil-Kelma Tiegħu!
5. Kull min jemmen jaf li l-Bibbja Mqaddsa twissina li Satana, "*il-Ħażin għad jiġi bil-qawwa tax-xitan, u jagħmel **kull xorta ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz**, u **jinqeda b'kull xorta ta' qerq u ħażen** fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma laqgħux **il-verità** biex isalvaw ruħhom*" (2 Tessalonikin 2:9-10).

6. **U x'inhi l-verità? Il-Mulej iwieġeb:**
   a. **Ġwanni 17:17** – "[17]*Qaddishom fil-verità tiegħek:* ***il-kelma tiegħek hi l-verità****.*"
   b. **Ġwanni 8:31-32** – "[31]*Ġesù mbagħad qal lil dawk il-Lhud li emmnu fih: Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi,* [32]*U tagħrfu l-verità, u l-verità teħliskom.*"
   c. **Ġakbu 1:16-25** – "[16]*La titqarrqux, ħuti maħbubin.* [17]*Kull għotja tajba, u kull għotja perfetta ġejja mill-għoli, nieżla mingħand il-Missier tad-dawl, li fih mhemm ebda tibdil, u lanqas dell tad-dawran.* [18]*Bir-rieda tiegħu wilidna bil-kelma tal-verità, biex inkunu qisna l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu.* [19]*Għalhekk, ħuti maħbubin, ħa jkun kull bniedem ħafif biex jisma', tqil biex jitkellem, u tqil biex jagħadab:* [20]*Għax il-għadab tal-bniedem ma jaħdimx il-ħaqq ta' Alla.* [21]*Għalhekk warrbu kull tniġġis, u l-kobor żejjed tal-ħażen, u ilqgħu bil-ħlewwa l-kelma imlaqqma fikom, u li tista' ssalvalkom ruħkom.* [22]*Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu bikom infuskom.*"
7. U hawn niġu għal dak li naqraw dwar **1 Korintin 13:8-13.**
   a. L-appostlu Pawlu qal b'ispirazzjoni li "L-imħabba ma tintemm qatt. **Igħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, igħib il-għerf**. Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa; **imma meta jfeġġ** dak li hu sħiħ (perfett)**, jgħib dak li hu nieqes**." (1 Kor. 13:8-10).
   b. "Dak li hu sħiħ, perfett" "Dak li hu komplut" – '*to teleion*'
   c. Kieku dan kien jirriferi għat-tieni miġja ta' Kristu – *telos* u mhux *to teleion.*
   d. Imma ħalli ma nidħlux fit-tifsira tal-kelma Griega u nħallu l-Iskrittura tinterpretalna dan!
8. Jinqeda **b'kull xorta** ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet u qerq u ħażen.
   a. Dan għandu jkun biżżejjed biex juri li **kull ħaġa** li xi wħud jgħidu li hija miraklu, eċċ, huma kollha qerq biex Satana jinganna lin-nies u ma jħallihomx jagħrfu l-verità tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.
   b. Il-frażi "**kull xorta**" ma tħalli ebda lok għal xi hekk imsejjaħ miraklu, kemm jekk dan ikun dmugħ ħiereġ minn xi statwa u kemm jekk dan ikun xi wieħed mill-hekk imsejħa mirakli ta' fejqan!
   c. Imma l-Kelma ta' Alla tgħid li Satana jagħmel KULL XORTA

mhux ta' mirakli biss, imma wkoll ta' **sinjali** u **għeġubijet foloz** biex iqarraq.

d. Ma tħalli ebda lok għal xi miraklu, sinjal jew għaġeb li jista' jkun ġej minn Alla.

e. Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid dawn il-ħwejjeġ ma nemmnuhomx li ġejjin minn Alla għaliex Alla jgħidilna bl-aktar mod ċar li l-mirakli llum waqfu.

f. Aħna nemmnu li Alla jisma' t-talb tagħna permezz tal-Medjatur waħdieni Ġesù Kristu u jista' jfejjaq u jagħmel ħafna ħwejjeġ kbar imma li jsiru mirakli kif ta' spiss nisimgħu dwar individwi li jfejqu, eċċ., dawn il-ħwejjeġ spiċċaw u jmorru kontra l-Kelma t'Alla!

g. Għalkemm jintqal li l-mirakli jsiru permezz ta' Kristu dan mhuwiex minnu għaliex il-Medjatur Hu Kristu bejn Alla u l-bniedem u jekk isir xi miraklu dan isir *direttament* minn Alla u mhux permezz ta' xi bniedem!

h. X'kien l-iskop li Ġesù qal dak li qal f'Mattew 7:21-23?

9. **Ejja nqabblu 1 Korintin 13:8 – Mattew 7:21-23 – 2 Tessalonikin 2:9-10.**

   a. Jekk illum għad hawn minn jagħmel il-mirakli permezz ta' l-Ispirtu s-Santu:

      i. **Kif aħna nkunu nistgħu "nistħarrġuhom"** (1 Ġwanni 4:1) **dawn il-mirakli**?

      ii. Hekk il-Kelma ta' Alla tgħid……Mattew 7:21-23 – 2 Tessalonikin 2:9-10.

      iii. Il-Kelma ta' Alla ma tagħtina ebda mod jew regola ta kif aħna nistgħu nistħarrġuhom dawn il-mirakli moderni!

      iv. Kull ma tgħidilna huwa li "*Satana jagħmel KULL XORTA TA' MIRAKLI U GĦEĠUBIJIET FOLOZ U JINQEDA B'KULL XORTA TA' QERQ U ĦAŻEN.*"

      v. Dan għandu jkun biżżejjed biex nifhmu xi tfisser il-frażi "**meta jiġi dak li hu perfett, sħiħ**."

   b. Għandna wkoll l-eżempju ċar li nsibu f'Atti 8:4-24 dwar Filippu u l-Appostli Pietru u Ġwanni u Xmun is-saħħar.

   c. <u>**Efesin 4:5**</u> – "Magħmudija **waħda**."

**Konklużjoni:**

1. "***Perfezzjoni.***" Din hija kelma wżata bħala deskrizzjoni għall-Iskrittura:

   a. <u>**Luqa 1:1-4**</u> – "*Bosta kienu dawk li ħadu f'idejhom ix-xogħol li jiġbru bl-ordni f'rakkont wieħed il-ġrajja li seħħu fostna, kif*

*għaddewhom lilna dawk li sa mill-bidu rawhom b'għajnejhom stess u saru ministri tal-kelma. Hekk ukoll jien, għażiż Teofilu, wara li bir-reqqa kollha qgħadt infittex it-tagħrif dwar kull ma ġara sa mill-bidunett, deherli li għandi niktiblek kollox ħaġa b'ħaġa,* ***biex tagħraf sewwa l-verità sħiħa dwar kull ma tgħallimt****.*"

b. **1 Pietru 1:22-23** – "*Intom naddaftu rwieħkom billi qgħadtu għall-kelma tal-****verità****, biex ikollkom l-imħabba sinċiera ta' l-aħwa; ħobbu 'l xulxin b'qalbkom kollha u bil-qawwa kollha. Ma twelidtux mill-ġdid minn nisel li jitħassar, imma minn nisel li ma jitħassarx,* ***bis-saħħa tal-kelma ta' Alla*** *li tgħix u tibqa' għal dejjem.*"

c. **2 Timotju 3:16-17** – "*L-Iskrittura kollha hija mnebbha minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwideb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun* ***perfett****, imħejji għal kull ħidma tajba.*"

d. **Lhud 2:3** – "*Kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din hi salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad* ***wassluha sħiħa*** *lilna dawk li semgħuh.*"

e. **Lhud 4:12** – "**Il-kelma ta' Alla** hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb."

f. **Ġakbu 1:22-25** – "*Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu bikom infuskom. Għax jekk xi ħadd jisma' l-kelma u ma jagħmilhiex, ikun bħal bniedem li jara f'mera l-wiċċ li bih twieled: jara lilu nnifsu, jitlaq, u malajr jinsa kif kien. Imma dak li jagħarbel sewwa* ***l-liġi perfetta tal-ħelsien****, u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; hieni dan fil-għemil tiegħu.*"

2. Jekk aħna ma nħarsux lejn dawn l-Iskritturi bħala li huma deskrizzjonijiet ta' ħaġa '***kompluta***' u '***perfetta***' fl-isfera tar-rivelazzjoni mogħtija minn Alla fl-Iskrit-tura, allura nistqasi jien x'termini aktar qawwija u aktar ċari jistgħu jintużaw?

## IT-TQEGĦID FUQ TA' L-IDEJN

**2 Pietru 1:3-4**,

"*Is-setgħa tiegħu ta' Alla tatna dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba, billi għarrfitna 'l Dak li sejħilna għas-sebħ u*

*l-qawwa tiegħu. Bis-saħħa ta' dawn huwa tana l-egħżeż u l-akbar ġid li kien wegħedna, biex bih—wara li tkunu ħlistu mit-taħsir li hawn fid-dinja ħtija tal-ġibdiet ħżiena—tissieħbu fin-natura ta' Alla*"

<u>**Lhud 2:1-4**</u>,

"*Għalhekk għandna nagħtu ħafna aktar każ ta' dak li smajna, li ma mmorrux nitbiegħdu 'l barra mit-triq. Għax jekk il-kelma li <u>ngħatat</u> permezz ta' l-anġli <u>kienet</u> <u>tiswa</u> tant li min ma <u>kienx iħarisha</u>, jew <u>ma kienx joqgħod għaliha</u>, kien jieħu l-ħlas li ħaqqu, kif nistgħu neħilsuha aħna jekk nittraskuraw salvazzjoni hekk kbira; li <u>kienet</u> **l-ewwel** imxandra mill-Mulej, u <u>mwettqa</u> minn dawk li semgħuh? Ma' tagħhom Alla **<u>żied</u>** <u>ix-xhieda</u> <u>tiegħu</u> b'sinjali u għeġubijiet u mirakli ta' kull xorta, u doni ta' l-Ispirtu s-Santu, skond ir-rieda tiegħu stess.*"

1. Is-"salvazzjoni hekk kbira" kienet "imxandra" mill-Mulej.
2. "Kienet ikkonfermata."
3. U Alla "żied ix-xhieda Tiegħu" bil-mirakli.
4. Osserva li *kull <u>verb</u> qiegħed fit-temp passat*:
5. "imxandra", "ikkonfermata", "żied ix-xhieda Tiegħu"
6. Pawlu bassar li l-mirakli jieqfu, u hekk għamlu (1 Corinthians 13:8).

## MIRAKLI U L-ISPIRTU S-SANTU

<u>**Lhud 2:1-4**</u>,

"*Għalhekk għandna nagħtu ħafna aktar każ ta' dak li smajna, li ma mmorrux nitbiegħdu 'l barra mit-triq. Għax jekk il-kelma li <u>ngħatat</u> permezz ta' l-anġli <u>kienet</u> <u>tiswa</u> tant li min ma <u>kienx iħarisha</u>, jew <u>ma kienx joqgħod għaliha</u>, kien jieħu l-ħlas li ħaqqu, kif nistgħu neħilsuha aħna jekk nittraskuraw salvazzjoni hekk kbira; li <u>kienet</u> l-ewwel imxandra <u>mill-Mulej</u>, u <u>mwettqa</u> minn dawk li semgħuh? Ma' tagħhom Alla <u>żied</u> <u>ix-xhieda</u> tiegħu b'sinjali u għeġubijiet u mirakli ta' kull xorta, u doni ta' l-Ispirtu s-Santu, skond ir-rieda tiegħu stess.*"

1. **L-ewwel miraklu ta' Ġesù fit-Tieġ ta' Kana.**
   a. <u>**Ġwanni 2:1-11**</u> – "[1]*U fit-tielet jum kien hemm tieġ f'Kana tal-Galilija; u omm Ġesù kienet hemm:* [2]*U sew Ġesù, u kemm id-dixxipli tiegħu, kienu mistednin għat-tieġ.* [3]*U meta naqashom l-inbid, omm Ġesù qaltlu: M'għandhomx inbid.* [4]*Ġesù qalilha:*

*Mara, x'għandi x'naqsam miegħek. Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx.* [5]*Ommu qalet lill-qaddejja: Agħmlu kulma jgħidilkom hu.* [6]*U kien hemm sitt ġarar tal-ġebel, bħal ma jkun hemm għall-purifikazzjoni tal-Lhud, li kienu jesgħu żewġ metreti jew tlieta kull waħda.* [7]*Ġesù qalilhom: Imlew il-ġarar bl-ilma. U mlewhom sax-xifer.* [8]*U qalilhom: Ħudu issa, u newlu lill-kap tal-festa. U newlulu.* [9]*Xħin il-kap tal-mejda daq l-ilma magħmul inbid, u ma kienx jaf minn fejn ġie; (iżda l-qaddejja li kienu refgħu l-ilma kienu jafu;) il-kap tal-mejda sejjaħ lill-għarus.* [10]*U qallu: Kulħadd iġib l-ewwel l-inbid it-tajjeb; u wara li jkunu xorbu ħafna, dak li hu anqas tajjeb: iżda int żammejt l-inbid tajjeb s'issa.* [11]***Dal-bidu tal-mirakli Ġesù għamel f'Kana tal-Galilija****, u wera l-glorja tiegħu; u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.*"

2. **Ġesù jfejjaq lil l-omm il-mara ta' Pietru.**
   a. **<u>Mattew 8:14-16</u>** – "*Ġesù mar għand Pietru, u ra lil omm il-mara ta' Pietru kienet mixħuta bid-deni.* ***Messilha idha, u d-deni ħallieha****; imbagħad qamet u bdiet isservih. Filgħaxija mbagħad ġibulu quddiemu bosta li kienu maħkuma mid-demonji, u bil-kelma tiegħu l-ispirti ħarġu,* ***u fejjaq il-morda kollha****.*"

*** *<u>L-APPOSTLI BISS</u>*** kellhom is-setgħa li jgħaddu l-qawwa mirakoluża lil oħrajn:

1. **Ġesù jagħti s-setgħa lil l-appostli:**
   a. **<u>Mattew 10:1</u>** – "*Sejjaħ lejh it-tnax-il dixxiplu* (*li semmiehom appostli:* [Mk. 3:14; Lq. 6:13])*, u tagħhom is-setgħa fuq l-ispirti ħżiena biex ikeċċuhomm u jfejqu kull xorta ta' mard u 'l kull min kien nieqes minn saħħtu.*"
   b. **<u>Mark 16:17</u>** – "*U dawn huma s-sinjali li jsieħbu lil dawk li jemmnu; f'ismi jkeċċu d-demonji, jitkellmu b'ilsna ġodda, jaqbdu s-sriep b'idejhom, u jekk jixorbu xi xorb li jġib il-mewt ma jagħmlilhomx ħsara; iqiegħdu idejhom fuq il-morda u dawn ifiqu.*"
2. **Eżempji ta' fejqan mill-appostli:**
   a. **<u>Mark 16:20</u>** – "*Huma mbagħad marru jippridkaw kullimkien; il-Mulej kien jaħdem magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jsiru magħha.*"
   b. **<u>Atti 2:43</u>** – "*Waqa' mbagħad il-biża' fuq kulħadd, għax ħafna kienu l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru permezz ta' <u>l-appostli</u>.*"
   ċ. **<u>Atti 3:1-10</u>** – Fejqan tal-magħtub minn Pietru.
   d. **<u>Atti 9:36-41</u>** – Il-qawmien ta' Tabita mill-imwiet minn Pietru.
   e. **<u>Atti 19:1-12</u>** – Pawlu jagħmel mirakli kbar. (Aqra)

3. **Tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli:**
   a. 2 Korintin 11:13-15 – "*Dawn l-appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, ibiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu. Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl. Mhix ħaġa kbira mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek bħallikieku kienu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda tmiemhom ikun skond għemilhom.*"

# Eżempju:

1. **Filippu rċieva s-setgħa mingħand appostli.**
   a. Atti 6:1-6 – "[1]*U f'dawk il-jiem, meta l-għadd tad-dixxipli kotor, qam xi tgergir mill-Griegi kontra l-Lhud, għax in-nisa romol tagħhom kienu qegħdin jiġu ttraskurati fis-servizz ta' kuljum.* [2]*Imbagħad it-tnax sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli lejhom, u qalulhom: Mhux sewwa li aħna nħallu l-kelma ta' Alla, u naqdu flimwejjed.* [3]*Għalhekk, l-aħwa, agħżlu fostkom sebat irġiel li għandhom isem tajjeb, mimlijin bl-Ispirtu s-Santu u bil-għerf, li aħna nistgħu nqabbduhom b'dax-xogħol.* [4]*Iżda aħna nagħtu ruħna kuljum għat-talb, u għall-ministeru tal-kelma.* [5]*U dalkliem għoġob lill-ġemgħa kollha: u għażlu 'l Stiefnu, raġel mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, u lil Filippu, u lil Prokoru, u lil Nikanor, u lil Timon, u lil Parmenas, u lil Nikolas prożelitu minn Anti-jokija:* [6]*U qegħduhom quddiem l-appostli: u wara li talbu, qiegħ-du jdejhom fuqhom.*"
2. **Filippu wettaq ĦAFNA mirakli imma hu ma kienx jista' jgħaddi dik is-setgħa lil l-oħrajn permezz tat-tqegħid ta' JDEJH fuq-hom!**
   b. Atti 8:5-24 – "*…* [14]*Issa meta* ***l-appostli*** *li kienu Ġerusalemm semgħu li Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla, bagħtulhom lil Pietru u 'l Ġwanni:* [15]*Li, meta niżlu, talbu għalihom, biex jieħdu l-Ispirtu s-Santu:* [16]*Għax kien għadu ma niżel fuq ebda wieħed minnhom: imma biss kienu mgħammdin fl-isem tal-Mulej Ġesù.* [17]*Imbagħad* ***qiegħdu idejhom fuqhom, u ħadu l-Ispirtu s-Santu****.* [18]*U meta Xmun ra li l-Ispirtu s-Santu kien jingħata bittqegħid ta' idejn l-appostli, offrielhom il-flus,* [19]*Billi qal: Agħtuni wkoll din* ***is-setgħa, li fuq kull min inqiegħed idejja, jieħu l-Ispirtu s-Santu****.* [20]*Iżda Pietru qallu: Ħa jintilfu flusek miegħek, għax ħsibt li l-għotja ta' Alla tista' tinxtara bil-flus.* [21]***Int la għandek sehem u lanqas qsim f'dil-ħaġa:*** *għax qalbek mhix sewwa quddiem Alla.* [22]*Indem mela minn dal-ħażen*

*tiegħek, u itlob lil Alla, biex forsi l-ħsieb ta' qalbek jinħafirlek….*"

3. **Għaliex L-APPOSTLI bagħtu lil Pietru and l-Ġwanni fis-Samarija?**
   a. **Atti 8:14** – "[14]*Issa meta l-appostli li kienu Ġerusalemm semgħu li Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla, bagħtulhom lil Pietru u 'l Ġwanni.*"
4. **Tweġiba:**
   a. **Atti 8:15** – "***Biex jieħdu l-Ispirtu s-Santu****…*"
5. **Imma KIF huma kienu jistgħu "jircievu l-Ispirtu s-Santu"?**
6. **Tweġiba:**
   a. **Atti 8:17** – "*Imbagħad QIEGĦDU JDEJHOM* (l-appostli Pietru u Ġwanni) *FUQHOM, U HUMA rċevew l-Ispirtu s-Santu.*"
7. **Imma Filippu għamel ħafna sinjali u ħafna mirakli IMMA HUWA NNIFSU MA KIENX JISTA' JGĦADDI S-SETGĦA LIL OĦRAJN!**
   a. **Atti 8:6, 13** – "[6]*U l-poplu b'fehma waħda ta widen għal dak li Filippu kien igħid, billi kien jisma' u jara l-mirakli li kien jagħmel….*[13]*Imbagħad Xmun stess emmen ukoll: u wara li tgħammed, baqa' ma' Filippu, u stagħġeb, billi ra l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru.*"
   b. GĦALIEX? Għaliex Filippu MA KIENX APPOSTLU!
   ċ. **Atti 8:13** – "*Imbagħad Xmun stess emmen ukoll u tgħammed:*"
   d. B'liema magħmudija Xmun tgħammed? Żgur li b'ta' l-ilma!
   e. Dan juri, ukoll, li Xmun irċieva fuqu "t-tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli" u kien jista' jwettaq "il-mirakli"!
   f. **Atti 8:18a** – "U meta Xmun RA…" – X'RA XMUN?
   g. Tweġiba: **Atti 8:18b** – "*Li BIT-TQEGĦID TA' L-IDEJN TA' L-APPOSTLI l-Ispirtu s-Santu KIEN JINGĦATA,…*"
   h. Għal xhiex Xmun offra l-flus?
   i. Tweġiba: **Atti 8:19** – "…biex kull min INQIEGĦED IDEJJA FUQU JIRĊIEVI l-Ispirtu s-Santu."
8. **Atti 8:21** – "*INT LA GĦANDEK SEHEM U LANQAS QSIM F'DIL-ĦAĠA:…*"
9. GĦALIEX? Għaliex ***L-APPOSTLI BISS*** kellhom "SEHEM JEW QSIM F'DIK IL-ĦAĠA" (Atti 8:14-18).
   a. Eżempju: **Atti 19:5-6** – "*U meta semgħu dan, tgħammdu f'isem il-Mulej Ġesù. U meta Pawlu* (appostlu) *qiegħed idejh*

*fuqhom, <u>NIŻEL L-ISPIRTU S-SANTU FUQHOM; U HUMA TKELL-MU B'ILSNA, U ĦABBRU</u>.*"

10. **<u>Atti 8:16-17</u>** – "(*Għax kien għadu ma niżel fuq ebda wieħed minnhom: imma biss kienu mgħammdin fl-isem tal-Mulej Ġesù.) IMBAGĦAD HUMA* (l-appostli) *QIEGĦDU IDEJHOM FUQHOM, U huma <u>RĊEVEW</u> l-ispirtu s-Santu*"
11. **<u>2 Korintin 11:13-14</u>** – "*Għax nies bħal dawn appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, billi jbiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu.*"

**APPOSTLU TASSEW:**

12. **<u>Atti 1:20-26</u>** – "[20]*Għax hu miktub fi ktieb is-Salmi: Ħa ssir għamartu ħerba, u ma jkunx hemm bniedem li jgħammar fiha: u xogħlu ħa jieħdu ħaddieħor.* [21]*Għalhekk minn dawn l-irġiel li ssieħbu magħna ż-żmien kollu li fih il-Mulej Ġesù daħal u ħareġ fostna.* [22]*Ibda mill-magħmudija ta' Ġwanni, sa dak in-nhar stess li kien meħud 'il fuq minn magħna, jaħtieġ li wieħed isir xiehed magħna tal-qawmien tiegħu.* [23]*U għażlu tnejn, Ġużeppi li jgħidulu Barsabas, li kien imlaqqam Ġustu, u Mattija.* [24]*U talbu, u qalu: Int, Mulej, li tagħraf il-qlub tal-bnedmin kollha, uri lil min għażilt minn dawn it-tenjn.* [25]*Biex jista' jieħu sehem minn dal-ministeru u appostolat, li minnhom Ġuda minħabba d-dnub waqa', biex imur għal postu.* [26] *U tefgħu x-xorti għalihom; u x-xorti waqgħet fuq Mattija, u kien miżjud mal-ħadx-il appostlu.*"

*** Kwalifiki ta' appostlu TASSEW:**

a. Wieħed li "*ssieħeb magħna ż-żmien kollu li fih il-Mulej Ġesù daħal u ħareġ fostna. Ibda bil-magħmudija ta' Ġwanni, sa dak in-nhar stess li kien meħud 'il fuq minn magħna, jaħtieġ li wieħed isir xhud magħna tal-qawmien tiegħu.*"

13. **SUĊĊESSUR TASSEW:**
    a. **<u>Atti 1:25</u>** – "*Biex ikun jista' jieħu sehem minn dal-ministeru u APPOSTOLAT, li minnhom Ġuda minħabba d-dnub waqa', …*"
    b. **<u>Atti 1:26</u>** – "*…u x-xorti waqgħet fuq Mattija, u kien MIŻJUD MAL-ĦDAX-IL APPOSTLU.*"
14. **<u>Atti 10:39</u>** – Pietru jipprova l-appostolat tagħhom – "*U aħna xhud ta' KULMA GĦAMEL sew f'art il-Lhud u kemm f'Ġerusalem; li huma qatlu u dendlu ma' għuda.*"
15. Imma APPOSTLU ieħor miet: Ġakbu:

b. **<u>Atti 12:1-2</u>** – *"U hu (Erodi) qatel 'il Ġakbu ħu Ġwanni bis-sejf"* (Ara Mattew 4:21).

**<u>2 Tessalonikin 2:9-10</u>** – *"Il-Ħażin għad jiġi bil-qawwa tax-xitan, u jagħmel kull xorta ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz, u jinqeda b'kull xorta ta' qerq u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma laqgħux il-verità biex isalvaw ruħhom."*

**Kif wieħed jista' jkun ingannat permezz tal-mirakli!!**

a. **<u>Rivelazzjoni 13:11-15</u>** – *"[13]U kienet* ***tagħmel sinjali kbar, saħan-sitra ġġiegħel in-nar jinżel mis-sema fuq l-art quddiem il-bned-min****. [14]U bis-sinjali li hi mħollija tagħmel quddiem il-bhima salvaġġa, kienet* ***tqarraq*** *b'dawk li jgħammru fuq l-art; billi tgħidilhom, li għan-dhom jagħmlu xbieha lill-bhima salvaġġa, li kellha ġerħa bix-xabla, u madankollu għexet. [15]U kienet imħollija li tagħti n-nifs lix-xhieda tal-bhima salvaġġa, biex titkellem ukoll ix-xbieha tal-bhima salvaġġa, u ġġiegħel li jinqatlu dawk kollha li ma jqimux ix-xbieha tal-bhima salvaġġa."*

## TQEGĦID TA' L-IDEJN

**A. <u>Tqegħid Ta' l-Idejn Bħala Barka:</u>**

1. **<u>Ġenesi 48:14-15</u>** – *"[14]U Iżrael medd idu l-leminija, u qegħidha fuq ras Efrajm, li kien iż-żgħir, u qiegħed idu x-xellugija fuq ras Mannase, b-idejh imsallbin; għax Manasse kien il-kbir. [15]U bierek lil Ġużeppi, u qal: Alla, li mxew quddiemu missirijieti, Abraham u Iżakk, Alla li kien ir-ragħaj tiegħi ħajti kollha sa llum."*
2. **<u>Mattew 19:15</u>** – *"[13]Imbagħad ġibulu quddiemu xi tfal ċkejknin, biex iqiegħed idejh fuqhom, u jitolbu: u d-dixxipli ċanfruhom. [14]Iżda Ġesù qalihom: Ħallu t-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u la żżommuhomnx, għax ta' dawn hija s-saltna tas-Smewwiet. [15]U qiegħed idejh fuqhom, u telaq minn hemm."*
3. **<u>Mark 10:13-16</u>** – *"[13]U ġibulu tfal ċkejknin, biex imisshom: iżda d-dixxipli tiegħu ċanfru lil dawk li ġibuhom. [14]Iżda malli Ġesù ra dan, għadab wisq, u qalilhom: Ħallu t-tfal ċkejkin jiġu għandi; u la żżommuhomx: għax ta' dawn hija s-saltna t'Alla. [15]Tassew ngħidilkom: Min ma jilqax is-saltna t'Alla bħal tifel ċkejken, ma jidħolx fiha. [16]U għannaqhom, u qiegħed idejh fuqhom, u berikhom."*

**B. <u>F'Ordinazzjoni jew Konsagrazzjoni ta' rġiel fis-servizz:</u>**

1. **Numri 8:10** – "[10]*U tressaq il-Leviti quddiem Yaħweh: u wlied Iżrael iqiegħdu jdejhom fuq il-Leviti.*"
2. **Numri 27:18** – "[18]*U Yaħweh qal lil Mosè: Ħu 'l Ġożwè bin Nun, raġel li fih hemm l-ispirtu, u qiegħed idek fuqu:*"
3. **Dewteronomju 34:9** – "[9]*U Ġożwè, bin Nu, kien mimli bl-ispirtu tal-għerf: għax Mosè kien qiegħed idejh fuqu: u wlied Iżrael kienu jisimgħu minnu, u għamlu dak li Yaħweh ikkmanda lil Mosè.*"
4. **Atti 6:6** – "[6]*U qegħduhom quddiem l-appostli: u wara li talbu, qiegħdu jdejhom fuqhom,* [7]*U l-kelma t'Alla żdiedet, u l-għadd tad-dixxipli beda jimmultiplika f'Ġerusalem; u kotra kbira ta' qassisin qagħdet għall-fidi.* [8]*U Stiefnu, mimli fidi u qawwa, għamel eg**ħ**ġubijiet kbar u mirakli qalb il-poplu.*"
5. **1 Timotju 4:14** – "[14]*La titlaqx id-don li hemm fik, li kien mogħti lilek bi profezija, mat-tqegħid ta' l-idejn tal-presbiteri.*"
6. **2 Timotju 1:6** – "[6]*Għalhekk infaħħrek biex iżżomm ħajja l-grazzja ta' Alla, li qiegħda fik bit-tqegħid ta' idejja.*"

## Ċ. Fil-Fejqan:

1. **Mark 6:5** – "[5]*U hemm ma kienx jista' jagħmel ebda egħmil kbir, għajr dak li qiegħed idejh fuq ftit morda, u fejjaqhom.*"
2. **Mark 7:32** – "[32]*U ġiblulu wieħed li kien trux, li kien ibati biex jitkellem; u talbuh bil-ħrara biex iqiegħed idu fuqu.*"
3. **Mark 16:18** – "[18]*Jaqbdu s-sriep; u jekk jixorbu xi ħaġa li tagħti l-mewt, ma tagħmlilhomx deni; imiddu idejhom fuq il-morda, u jfejquhom.*
4. **Luqa 4:40** – "[40]*Issa x'ħin ix-xemx kienet nieżla, dawk kollha li kellhom kull xorta ta' mard ġibuhomlu; u qiegħed idejh fuq kull wieħed minnhom, u fejjaqhom.*"
5. **Luqa 13:13** – "[13]*U medd idejh fuqha: u hi minnufih iddrittat, u igglorifikat lil Alla.*"
6. **Atti 28:8** – "[8]*U ġara, illi missier Publiju kien mixħut bid-deni u disenterija. Pawlu daħal ħdejh, u talab, u qiegħed idejh fuqu, u fejqu.*"

## D. Tmidd Idejk fuq Xi Ħadd:

1. **Atti 4:3** – "[3]*U meddew idejhom fuqhom, u żammewhom il-ħabs sal-għada: għax issa kien filgħaxija.*"
2. **1 Timotju 5:22** – "[22]*La tgħaġġilx tqiegħed idejk fuq ebda raġel, lanqas tissieħeb fid-dnubiet ta' ħaddieħor: żomm ruħek safi.*"

## E. L-Appostli Biss Kellhom is-Setgħa li Jgħaddu din is-Setgħa lil Ħaddieħor:

1. **Atti 6:1-6** – "[1]*U f'dawk il-jiem, metaq l-għadd tad-dixxipli kotor, qam xi tgergir mill-Griegi kontra l-Lhud, għax in-nisa romol tagħhom ma kinux imfittxin fil-ħidma ta' kuljum.* [2]*Imbagħad it-tnax sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli lejhom, u qalulhom: Mhux sewwa li aħna nħallu l-kelma ta' Alla, u naqdu fl-imwejjed.* [3]*Għalhekk, l-aħwa, agħżlu fostkom sebat irġiel li għandhom isem tajjeb, mimlijin bl-Ispirtu s-Santu u bil-għerf, li aħna nistgħu nqabbduhom b'dax-xogħol.* [4]*Iżda aħna nagħtu ruħna kuljum għat-talb, u għall-ministeru tal-kelma.* [5]*U dal-kliem għoġob lill-ġemgħa kollha: u għażlu 'l Stiefnu, raġel mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, u lil Filippu, u lil Prokoru, u lil Nikanor, u lil Timon, u lil Parmenas, u lil Nikolas prożelitu minn Antijokija:* [6]*U qegħduhom quddiem l-appostli: u wara li talbu, qiegħdu jdejhom fuqhom,*"
2. **Atti 8:5-24** – "[5]*Imbagħad Filippu niżel fil-belt tas-Samarija, u xandrilhom 'il Kristu.* [6]*U l-poplu b'fehma waħda ta widen għal dak li Filippu kien igħid, billi kien jisma' u jara l-mirakli li kien jagħmel.* [7]*Għax spirti mniġġsa, igħajtu b'leħen qawwi, kienu joħorġu minn ħafna li kienu tihom: u ħafna miflużin, u żopop, kienu mfejqa.* [8]*U kien hemm ferħ kbir f'dik il-belt.* [9]*Imma kien hemm raġel, jismu Xmun, li żmien qabel fl-istess belt kien jagħmel is-sħarijiet, u jsaħħar in-nies tas-Samarija, billi kien igħid li kien xi ħaġa kbira:* [10]*Lil dan, mill-iżgħar sa l-akbar, kollha kienu jagħtuh widen, billi jgħidu: Dan ir-raġel hu l-qawwa l-kbira ta' Alla.* [11]*U kienu jisimgħu minnu, għax għal żmien twil kien għaġġibhom bis-sħarijiet.* [12]*Iżda meta emmnu f'Filippu, li kien ixandrilhom ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-saltna ta' Alla, u l-isem ta' Ġesù Kristu, tgħammdu, sew l-irġiel u kemm in-nisa.* [13]*Imbagħad Xmun stess emmen ukoll: u wara li tgħammed, baqa' ma' Filippu, u stagħġeb, billi ra l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru.* [14]*Issa meta l-appostli li kienu Ġerusalem semgħu li Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla, bagħtulhom lil Pietru u 'l Ġwanni:* [15]*Li, meta niżlu, talbu għalihom, biex jieħdu l-Ispirtu s-Santu:* [16]*(Għax kien għadu ma niżel fuq ebda wieħed minnhom: imma biss kienu mgħammdin fl-isem tal-Mulej Ġesù.)* [17]*Imbagħad qiegħdu idejhom fuqhom, u ħadu l-Ispirtu s-Santu.* [18]*U meta Xmun ra li l-Ispirtu s-Santu kien jingħata bit-tqegħid ta' idejn l-appostli, ofriel-hom il-flus,* [19]*Billi qal: Agħtuni wkoll din is-setgħa, li fuq kull min inqiegħed idejja, jieħu l-Ispirtu s-Santu.* [20]*Iżda Pietru qallu: Ħa jin-tilfu flusek miegħek, għax ħsibt li l-għotja ta' Alla tista' tinxtara bil-flus.* [21]*Int la għandek sehem u lanqas qsim f'dil-ħaġa: għax*

*qalbek mhix sewwa quddiem Alla. [22]Indem mela minn dal-ħażen tiegħek, u itlob lil Alla, biex forsi l-ħsieb ta' qalbek jinħafirlek. [23]Għax jien nara li int qiegħed fl-imrar tal-morr, u fir-rbatt tal-ħażen. [24]Imbagħad wieġeb Xmun, u qal: Itolbu intom għalija lill-Mulej, biex ma jiġrili xejn illi għidtu.*

3. **Atti 8:14-17** – "*[14]Issa meta l-appostli li kienu Ġerusalem semgħu li Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla, bagħtulhom lil Pietru u 'l Ġwanni: [15]Li, meta niżlu, talbu għalihom, biex jieħdu l-Ispirtu s-Santu: [16](Għax kien għadu ma niżel fuq ebda wieħed minnhom: imma biss kienu mgħammdin fl-isem tal-Mulej Ġesù.) [17]Imbagħad qiegħdu idej-hom fuqhom, u ħadu l-Ispirtu s-Santu.*"
4. **Atti 8:18-19** – "*[18]U meta Xmun ra li l-Ispirtu s-Santu kien jingħata bit-tqegħid ta' idejn l-appostli, ofrielhom il-flus, [19]Billi qal: Agħtuni wkoll din is-setgħa, li fuq kull min inqiegħed idejja, jieħu l-Ispirtu s-Santu.*"
5. **Atti 8:20-21** – "*[20]Iżda Pietru qallu: Ħa jintilfu flusek miegħek, għax ħsibt li l-għotja ta' Alla tista' tinxtara bil-flus. [21]Int la għandek sehem u lanqas qsim f'dil-ħaġa: għax qalbek mhix sewwa quddiem Alla.*"

**F. Qerq:**

1. **Mattew 7:22** – "*[22]Ħafna jgħiduli f'dak il-jum: Mulej, Mulej, ma ħabbarniex f'ismek? U f'ismek keċċejna d-demonji? U f'ismek għamilna ħafna egħġubijiet?*"
2. **2 Korintin 11:13-15** – "*[13]Għax nies bħal dawn huma appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, billi jbiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu. [14]Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl. [15]Mhix ħaġa kbira mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek bħallikieku kie-nu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda tmiemhom ikun skond għemilhom.*"
3. **2 Tessalonikin 2:9-12** – "*[9]Il-ħażin għad jiġi fil-qawwa tax-xitan, u jagħmel kull xorta ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz, [10]u jinqeda b'kull xorta ta' qerq u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma laqgħux il-verità biex isalvaw ruħhom. [11]Għalhekk Alla qed jibagħtilhom kontrihom qaw-wa qarrieqa biex jemmnu l-gideb, [12]Ħalli b'hekk dawk kollha li ma jemmnux il-verità, imma jogħġobhom il-ħażen, ikunu ikkundannati.*"

## X'INHUMA L-"ILSNA TA' L-ANĠLI" FL-1 KORINTIN 13:1?

*"Kieku kont nitkellem* ***bl-ilsna*** *tal-bnedmin u* ***ta' l-anġli****, u m'għandix imħabba, kont inkun qisni bronż idoqq, jew ċimblu jżarżar."*

Meta l-Kristjani tal-knisja tal-bidu kienu jitkellmu "bl-ilsna," huma kienu jitkellmu biss b'lingwi barranin li kienu ta' ċerti nazzjonalitajiet. Il-'kliem bl-ilsna' tal-moviment Pentekostali (u oħrajn) li fihom jitlissnu ċerti ħsejjes ta' l-ebda lingwa magħrufa, mhumiex f'armonija mal-Bibbja. Iżda, meta jiena darba attendejt għal sezzjoni bħal din kien intqal lili li l-istqar-rija ta' Pawlu dwar 'ilsna ta' l-anġli' (1 Korintin 13:1) timplika lingwa tas-sema, distinta mil-lingwi tal-bnedmin. Ħalli jiena nikkummenta xi ħaġa fuq dan.

Bir-rispett kollu, ir-riferenza ta' l-appostlu Pawlu għal "ilsna ta' l-anġli" (1 Korintin 13:1) ma toffri l-ebda xhieda għal hekk imsejħa "esperjenza Pentekostali,) li fiha t-tlissin ta' sillabi li ma jistgħux jingħarfu mlissna b'mod imgħaġġel huwa allegat li jirrifletti lsien "tas-sema" ta' varjetà mhux spjegabbli jew li ma jitfissirx. Il-linji li ġejjin ta' xhieda jiddiskreditaw it-teorija Pentekostali.

1. Fi sforz biex iħeġġeġ il-knisja f'Korintu lejn interess akbar ta' wieħed lejn l-ieħor fl-użu tagħhom tad-"doni spiritwali," Pawlu kiteb din it-twissija. "[1]*Kieku kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u ta' l-anġli, u m'għandix imħabba, kont inkun qisni bronż idoqq, jew ċimblu jżarżar*" (1 Korintin 13:1).

   Jekk jista' jiġi stabbilit lit-terminu "ilsna," meta applikat b'riferen-za għan-nies, għandu x'jaqsam ma' komunikazzjoni intelliġenti (u ħaġa bħal din tista' tkun murija: imbagħad ikun jista' jiġi kkonċedut li l-kelma "ilsna," meta wżata dwar l-anġli, l-istess tissinjifika lingwa li wieħed jista' jifhimha.

   Sabiex il-veduta "Pentekostali" (u ta' oħrajn li jagħmlu l-istess) tkun valida, għandu jkun hemm xi xhieda testwali eċċitanti u interessanti biex tindika li t-terminu "ilsna" huwa wżat f'*żewġ sensi differenti* f'dan il-passaġġ, u fih sempliċiment ma hemm xejn minn dan. Aħna għandna dejjem inkunu attenti ħafna li ma jkunx hemm xi ħadd ipoġġi xi kliem jew xi ħsieb li mhumiex fil-versi tal-Bibbja u naċċettawhom, mingħajr ma nindunaw li dawn mhumiex fil-Kelma ta' Alla, bħala li huma jinsabu fiha, meta fil-fatt ma jkunux, kif fil-fatt qiegħed jiġri llum dwar dan is-suġġett ta' l-ilsna!

2. F'kapitlu 14 ta' l-ewwel Korintin, wieħed mill-punti maġġuri ta' enfasi ta' Pawlu huwa dan. Jekk wieħed japplika d-don tiegħu ta' l-ilsna quddiem udjenza li *ma tistax tifhem* il-lingwa mlissna, u ma hemm ebda interpretu preżenti biex jittraduċi l-messaġġ, ħaġa bħal

din tkun ksur tar-rieda ta' Alla. Fil-fatt, ikun att ta' vanità, u mhux wirja ta' mħabba għas-semmiegħ.

Dan huwa wkoll il-punt preċiż ta' 1 Korintin 13:1. Li titkellem f'ilsien, meta ħadd ma jkun jista' jifhem il-kliem, huwa att *vojt mill-imħabba*. Ħaġa bħal din ma tkun xejn aktar minn ħoss (ħoss li jir-rita); dan ma jkunx messaġġ li jagħti struzzjoni.

L-implikazzjoni wara dan l-argument hija din: Jekk id-don *kien eżerċitat b'mod xieraq*, jiġifieri, flimkien ma' interpretu, l-udjenza *tkun tista' tifhem* l-istruzzjoni, ħaġa bħal din turi b'mod ċar l-imħab-ba tal-kelliemi. Iżda l-*punt identiku* huwa magħmul jekk ir-referenza hija għal "ilsna tal-bnedmin" jew għal "ilsna ta' l-anġli." Ukoll l-ilsna ta' l-anġli, kieku kien possibbli li teżerċità ħaġa bħal din f'mod xieraq, ikunu jistgħu jiftiehmu. Ma hemm xejn hawn li jissuġġerixxi xorta ta' tlissin ta' "ħsejjes bla sens"; sewwasew l-oppost huwa l-każ.

3. Hemm eżempji numerużi tal-Bibbja dwar anġli jkellmu lin-nies. Lanqas f'waqt wieħed biss minnhom huma ma jikkomunikaw f'xi ħaġa ħlief f'lingwi li s-semmiegħa fehmuhom perfettament—komu-nikazzjoni li min irċeviha kien jista' jipproċessaha immedjatament. Ma hemm lanqas farka ta' *xhieda biblika* li tissuġġerixxi li l-anġli jitkellmu fi ħsejjes imħawdin u li ma jiftehmux. Kif wieħed skular osserva:

"Dwar il-kliem ta' l-anġli li huma rreġistrati fl-Iskrittura, xejn ma jista' jkun aktar ċar, aktar dirett, u, aħna nistgħu ngħidu, aktar ħielsa minn appell emozzjonali. Dawn jidhru li jgħidu bl-akbar ċarezza li wieħed jista' jara dak li huma kienu kkummissjonati biex igħidu, u xejn aktar…. (M.F. Sadler, **The First & Second Epistles to the Corinthians,** London: George Bell & Sons, 1906, p. 217).

L-appell ta' Pawlu għal "anġli" fl-1 Korintin 13:1 huwa forma ta' "iperbolika" (kliem/għajdut esaġerat li m'għandux jittieħed fis-sens letterali) li huwa mfassal biex jenfasizza l-argument tiegħu.

Ikkonsidra użu simili ta' din l-esspressjoni figurattiva fl-ittra ta' Pawlu lill-Galatin. Hu kiteb: "[8]*Imma mqar jekk aħna stess* ***jew anġlu mis-sema*** *jħabbrilkom evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarniel-kom aħna, ikun misħut!*" L-appostlu Pawlu mhuwiex qiegħed jissuġ-ġerixxi li anġlu attwalment sejjer iħabbar xi evanġelju differenti; il-punt huwa wieħed ta' enfasi. *Imma mqar jekk* anġlu kellu jippriedka evanġelju differenti; ma jkun hemm ebda validità fih, u hu jsir vittma tal-korla divina.

Hekk ukoll, fl-1 Korintin 13:1, Pawlu mhuwiex qiegħed jindika li xi Kristjani jitkellu b'lingwa "anġelika" (estatika). Pjuttost, huwa

qiegħed biss igħid li wkoll jekk wieħed ikun jista' jitla' għal għoli ġdid, u jikkommunika fuq il-livell ta' l-anġli, jekk hu ma jeżerċitax l-imħabba billi jitkellem f'mod li wieħed jista' jifhmu, hu xorta ma jkun xejn ħlief ħoss ta' tfixkil. L-argument ta' l-appostlu Pawlu ma jagħti l-ebda ħjiel ta' tlissin miterjuż u bla sens; fil-fatt, dan jirrifletti sewwasew l-oppost.

**Konklużjoni**

Jekk wieħed jew waħda tassew iridu li jkunu jafu x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan (u dwar kull suġġett ieħor) għandhom ikunu attenti ħafna li ma jħallux lil min iġiegħelhom jaċċettaw it-tagħlim żbaljat tiegħu u jinsew dak li tassew tkun qed tgħid il-Kelma ta' Alla. Kif rajna, ma hemm l-ebda bażi fl-1 Korintin 13:1 għall-ħsieb li hemm "glossolalia" tas-sema estatika li xi wħud huma kapaċi li jkollhom aċċess għaliha, u b'hekk ikunu jistgħu jkellmu lil Alla weħidhom. Dan mhuwiex tagħlim tal-Kelma ta' Alla iżda tagħlim tal-bnedmin. Ma rridux ninsew ukoll li dawn id-doni kienu jinkisbu biss permezz tat-tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli biss. (Atti 8:14-23; ara versi 18, 19). Illum żgur li l-ebda appostlu m'għadu hawn!

## X'INHUMA L-HEKK IMSEJĦA ILSNA "MISTERJUŻI" TA' 1 KORINTIN 14?

Issa lil rajna dwar "l-ilsna ta' l-anġli" tajjeb li ngħidu xi ħaġa dwar dak li jintqal fl-**1 Korintin 14:2, 28** – "[2]*Għax min jitkellem b'ilsien ma jitkellimx mal-bnedmin, imma ma' Alla: għax ħadd ma jifhmu; iżda jitkellem fl-ispirtu misterji…*[28]*Imma jekk ma jkunx hemm min ifisser, ħa jżomm is-skiet fil-knisja; u ħa jkellem lilu nnifsu. U lil Alla.*"

Sabiex wieħed jifhem l-ewwel parti, jiġifieri, vers 2, l-istudent tal-Bibbja għandu jkollu stampa tal-kuntest sħiħ ta' 1 Korintin 14, u ċ-ċirkustanzi li kien hemm fil-laqgħat ta' dawk il-Kristjani.

Informazzjoni li hija pprovduta minn bosta passaġġi fil-kapitlu tirrivela li xi wħud mill-Kristjani Korintin, li kellhom id-don divin ta' li jkunu jistgħu jitkellmu *f'lingwi barranin* [ilsna ordinarji umani] f'mod *soprana-turali*, kienu qegħdin jabbużaw dak id-don. Jekk, mela, persuna kellha d-don mogħti divinament li titkellem "b'ilsien," hija kellha teżerċità dak id-don *biss* f'laqgħa fejn l-istess lingwa kienet magħrufa—sakemm ma kienx ikun hemm interpretu preżenti.

Ħalli nfisser din il-ħaġa b'mod aktar korrett. Suppost wieħed mill-aħwa kien mogħti l-abbiltà li jitkellem bil-lingwa Maltija, kif kienu jitkellmu n-nies ta' Malta (fejn l-appostlu Pawlu kien sab ruħu wara li kien meħlus mill-għaraq—Atti 28:1). Hu kien jista' jeżerċità dak id-don biss fi tqegħdiha fejn in-nies li kienu jitkellmu b'dak l-ilsien (Malti) kienu preżenti—

sakemm ma kienx hemm wieħed mill-aħwa ieħor qrib li kellu d-don ta' l-interpretazzjoni. F'każ bħal dan, il-messaġġ kien ikun jista' jingħata b'mod li jiftiehem permezz ta' interpretu.

B'dan l-isfond f'moħħok, ikkonsidra issa l-fatt li Pawlu, fl-1 Korintin 14:2, jindirizza abbuż ta' din il-proċedura. Jekk aħna nkunu mħollija li nespandu u nagħmlu parafrażi tat-twissija ta' Pawlu, dan ikun is-sens tagħha.

"Għal dak li jitkellem f'ilsien [lil udjenza li mhix familjari mal-lingwa tiegħu], mhuwiex qiegħed ikellem lill-bnedmin [f'xi mod li jista' jfisser xi ħaġa], imma lil Alla [billi Alla biss ikun jista' li jkun jaf x'qiegħed jintqal]; għax ebda wieħed [f'din l-udjenza] ma jifhem, imma fl-ispirtu tiegħu hu [il-kelliemi] jkun qiegħed ilissen misterji [dak li ma jistax ikun mifhum minħabba l-barriera tal-lingwa] lil udjenza barranija tiegħu."

Fiċ-ċirkustanza li għadha kif kienet imfissra, il-grupp jisma' ħoss, imma billi huma ma jkunux jistgħu jifhmu l-messaġġ, xejn ma jkun irrivelati; il-messaġġ jibqa' misterju (oskur).

L-ilsien hekk ikkontemplat ma kienx xi tlissin misterjuż, estatiku li bih il-kelliemi ikkomunika personalment ma' Alla (kif jistqarru l-Pentekostali moderni, u xi oħrajn); minflok, dan kien lingwa mhux aċċessibbli għal l-udjenza minħabba ċ-ċirkustanzi, imma wieħed li l-kelliemi kien jista' jeżerċità waqt li hu personalment ikun qiegħed jitkellem ma' Alla fit-talb.

Fl-aħħarnett, vers 28 jerġa' jtenni l-istess punt. Jekk il-persuna li għandha d-don ta' l-ilsna qiegħdha fost udjenza li ma tafx dik il-lingwa li hija kapaċi li titkellem, u ma hemm ebda interpretu disponibbli, dik il-persuna *għandha* tibqa' siekta. Hija tista' tikkomunika ma' Alla b'mod silenzjuż [jiġifieri, mentalment], imma li hija titkellem ma jkun ta' l-ebda użu għall-kongregazzjoni f'sitwazzjoni bħal dik imsemmija fuq, u għalhekk kienet ipprojbita.

Dawn il-testi, mela, meta wieħed jifhimhom sewwa, ma jipprovdu ebda appoġġ għal l-użu ta' l-hekk imsejħa lingwi estatiċi li lanqas saħansitra minn ikun qiegħed jitkellem bihom ma jkun jaf x'qiegħed igħid!

Ma rridux ninsew li: "***...Alla mhux l-awtur tat-taħwid, iżda tas-sliem,...***" (1 Korintin 14:33).

## MA KKMANDAX L-APPOSTLU PAWLU BIEX MA NŻOMMUX LIL MIN JITKELLEM BL-ILSNA?

**1 Korintin 14:39** – "*Għalhekk, ħuti, ixxenqu biex tipprofetizzaw, u żżommux lil min jitkellem bl-ilsna.*"

Huwa impossibbli li tifhem is-sinjifikat tal-kmand "*u żżommux lil min jitkellem bl-ilsna*" (1 Korintin 14:39), mingħajr ma tqiegħed dik il-proj-

bizzjoni fil-kuntest akbar tal-parti kollha kemm hi li tittratta mad-doni spiritwali diskussi fl-Ewwel Korintin, kapitli 12 sa 14.

Pawlu jibda dan il-prozjon ta' l-epistoli bil-frażi, "[1]*Issa dwar id-doni spiritwali*" (12:1). Wara, mbagħad, hemm diskussjoni fuq diversi aspetti tal-problema tad-"doni spiritwali" kif kellha x'taqsam mal-knisja f'Korintu. Il-ħtieġa ta' Pawlu li jindirizza din il-kontroversja probabbilment iġġenerat permezz ta' rapport ta' firda fil-knisja (qabbel 1:10-13), u bħala riżultat tal-korrispindenza ma' xi wħud mill-Kristjani li kien hemm (7:1).

Kapitli 12-14 jistgħu jkunu miġbura fil-qosor kif ġej:

Kapitlu 12 jikkataloga diversi doni spiritwali, eżempju, għerf, għarfa, fejqan, profezija, ilsna (l-abbiltà li titkellem b'lingwa barranija b'mod sopranaturali), interpretazzjoni ta' l-ilsna, (id-don divin ta' li tittraduċi minn lingwa għal oħra), eċċ. (versi 8-10). Barra dan, din is-sezzjoni targumenta li l-kustjoni tad-doni ħierġa minn sors magħqud, id-Divinità Sagra —Missier, Iben, u Spirtu s-Santu (versi 4-5, 11).

L-implikazzjoni biċ-ċar hija din: dawk li għandhom dawn id-doni m'għandhomx jaġixxu f'mod individwalistiku jew avversiv, pjuttost, unità fil-ġisem ta' Kristu għandha tagħleb (versi 12 'il quddiem).

Ibbażat fuq il-pedament imqiegħed f'Kapitlu 12, Kapitlu 13 jargumenta lid-doni spiritwali għandhom ikunu eżerċitati fl-imħabba. Don użat f'isem Alla b'mod imprudenti, mingħajr ebda konsiderazzjoni għal oħrajn, mhu xejn aktar minn ħoss irritanti (versi 1-3).

"Imħabba" hija mfissra b'tant kwalitajiet eċċitanti ħafna, illi li kieku dawn il-karatteristiċi kellhom ikunu ddominati, xejn ma jirriżulta ħlief l-għaqda (versi 4-7). Dan tgħidu l-Kelma ta' Alla. Imma qiegħed dan isir illum, fejn hija l-għaqda ta' dawk kollha li jistqarru li għandhom dawn id-doni mill-Ispirtu s-Santu?

Wara lid-diskussjoni ta' l-għaġeb dwar "l-imħabba" ġiet fil-konklużjoni, dan l-attribu għoli—li jibqa' għal dejjem fin-natura tiegħu—huwa mqiegħed f'kuntrast għall-fatt lid-"doni spiritwali" (li ħolqu kontroversja fost il-Kristjani ta' Korintu) kienu fuq kollox fenomenu temporanju biss. Dawn kienu sempliċiment modi ta' biċċa biċċa biex iwasslu r-rivelazzjoni divina, biex hekk meta dak li hu "perfett" (*teleios*—komplut; ara "perfett", W. E. Vine, **Expository Dictionary**) jasal, jiġifieri, il-kanoni kompluti ta' l-Iskrittura, dawn id-doni kellhom jieqfu.

Kapitlu 14 imbagħad jirrivela ix-xorta ta' dispożizzjonijiet kontroversjali li ċajpru l-knisja f'Korintu. L-istruzzjoni appostolika fittxet li tikkorrieġi dak il-ħażen billi tirregola l-użu tad-doni spiritwali, partikolarment id-doni tal-profezija, ilsna, u l-interpretazzjoni (traduzzjoni) ta' l-ilsna.

Dan ipprovda sfond fil-qosor tad-diffikultajiet li bihom Pawlu kien sfurzat biex jittratta f'Kapitlu 14. Kif, mela, dan għandu x'jaqsam mal-

projbizzjoni, "*u żżommux lil min jitkellem bl-ilsna*" (1 Korintin 14:39b)? Hemm jidher li kien hemm żewġ problemi prinċipali relatati għad-don ta' "l-ilsna" u d-don tal-"profezija." Ħalli nikkonsidraw kull waħda.

Xi wħud minn dawk li kellhom id-don li jitkellemu bl-ilsna kienu qegħdin jabbużaw il-barka tagħhom. Per eżempju, wieħed mill-aħwa sata' kellu d-don li jitkellem fi djalett partikulari—ħalli ngħidu, bħala eżempju, Persjan. X'kellu hu jagħmel jekk, f'ċertu laqgħa tal-knisja, kien hemm biss nies li jitkellmu bil-Grieg? Jekk ma kien hemm ħadd li kellu d-don tat-traduzzjoni (tifsir), hu kellu jibqa' sieket (1 Korintin 14:2, 6-9).

Waqt li persuna waħda kienet qed tgħaddi messaġġ "f'ilsien," oħra ma kelliex tinterrompi. Pjuttost, dawk li kellhom doni bħal dawn kellhom jikkomunikaw "wieħed wara l-ieħor" (v. 27). L-użu tad-don individwali tagħhom kien taħt il-kontroll personali tagħhom (v. 32), u huma għandhom jeżerċitaw kontroll fuqhom infushom sabiex il-konfużjoni ma tfixkilx il-
laqgħa (v. 33).

Fattu ieħor li kien hemm kienet ir-realtà li "l-profezija" meqjusa li hija don "akbar" minn dak ta' l-ilsna. U għaliex dan kien il-każ? Għaliex il-profezija kienet l-aktar don versatili; din kienet tinvolvi l-abbiltà divina biex tgħallem lill-kongregazzjoni fil-lingwa tal-post (f'dan il-każ, il-Grieg) biex b'hekk kull Kristjan ikun jista' jkun edifikat (v. 3). Min-naħa l-oħra, id-don ta' l-ilsna spiss kien illimitat bil-ħtieġa ta' interpretu, li fl-assenza ta' dan, l-individwu li kellu d-don tal-lingwa (ilsien) kien meħtieġ li jibqa' ma jitkellimx. Imma kemm hu differenti llum minn dak li jsir f'laqgħat fejn jistqarru li qegħdin jitkellmu bl-ilsna!

Minħabba din id-differenza, il-profezija kienet meqjusa bħala li hija d-don "akbar" (v. 5). Minħabba n-natura utilitarja tiegħu, id-don tal-"profezija" huwa meqjus bħala superjuri, mill-punt ta' pożizzjoni *prattika* aktar għolja, għal dak ta' l-"ilsna" (versi 1-5, 12, 22-25).

Meta wieħed iħallat f'din l-ekwazzjoni l-fatt li xi wħud mill-Korintin kienu xorta waħna inklinati għal spirtu ta' firda (1 Korintin 3:1-6), mhuwiex diffiċli li tara lid-dispożizzjoni setgħet żviluppat li kienet tissuġġerixxi li dawk li kellhom id-don tal-profezija kienu superjuri għal dawk li kellhom id-don ta' l-ilsna. Ukoll, jista' jintqal li ta' l-ewwel kienu saħansitra jippruvaw biex irażnu lil dawk li kellhom id-don ta' l-islan. B'ħarsa lejn dan, it-twissija ta' Pawlu, "*iżżommux lil min jitkellem bl-ilsna,*" tagħmel sens perfett.

Dan hu kif vers 39 għandu jkun interpretat fil-qafas tal-kuntest kollu tad-diskussjoni. Id-don tal-profezija xorta kien għadu li jkun mixtieq, imma ħaġa bħal din ma kelliex tkun użata bħala għodda biex issiket lil dawk li kellhom id-don aktar illimitat.

Huwa użu eċċezzjonalment ħażin ta' din il-projbizzjoni biex tapplikaha bħala test ta' prova għall-idea lid-don ta' l-ilsna kien intenzjonat biex jibqa' matul l-epoka Kristjana kollha—teorija f'konflitt dirett ma' 1 Korintin 13:8-13,

"[8]*L-imħabba ma tintemm qatt. Igħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna,*
*igħib il-għerf. Għalissa nafu biċċa. U l-profezija tagħna hi nieqsa;*
*imma meta jfeġġ dak li hu perfett, igħib dak li hu nieqes.* [9]*Għax*
*aħna ma nafux kollox: ma nipprofetizzawx kollox.* [10]*Iżda meta jiġi*
*dak li hu perfett, imbagħad dak li hu nieqes igħib.* [11]*Meta kont*
*tarbija, kont nitkellem bħal tarbija, nifhem bħal tarbija, naħseb*
*bħal tarbija: iżda meta sirt raġel, neħħejt dak li kien ta' tarbija.*
[12]*Għax issa nara f'mera, mhux ċar; iżda mbagħad wiċċ imb'wiċċ:*
*issa nagħraf biċċa; iżda mbagħad nagħraf sewwa bħalma jien ukoll*
*magħruf.* [13]*Imma issa baqa' dawn it-tlieta: il-fidi, it-tama u l-*
*imħabba; iżda l-akbar fosthom hi l-imħabba.*"